Numru 12,568 www.media.link.com.mt

# IN-NAZZJON

Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju, 2010 €0.45

# Il-MEPA tiċħad permess għal 164 post residenzjali ġdid

Il-Bord tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent l-Ippjanar (MEPA) ilbierah irrifjuta applikazzjoni ta' żvilupp ghall-bini ta' 164 post residenzjali fuq is-sit fejn qabel kien hemm il-fabbrika tas-7-Up, f'Santa Venera.

Il-Bord, fid-deċiżjoni li ha, ikkunsidra li l-iżvilupp intern propost ma kienx jippromwovi l-holqien ta' żvilupp ta' kwalità gholja li hu viżwalment attraenti u xieraq mal-ambjent tal-madwar.

Is-sit, li jkopri aktar minn 7,000 metru kwadru u jinsab fil-qalba ta' Santa Venera, bil-faċċata taghti ghal fuq it-Triq il-Kbira ta' San Ġuzepp, fil-viċinanzi tal-Akwadott ta' Wignacourt, Parade Street u Triq Hal Qormi, kien kopert b'permess ta' żvilupp *outline* li kien mahruġ fl-2007.

Iċ-*Chairman* tal-MEPA Austin Walker qal li l-Awtorità hi fid-dmir li tiżgura li tissalvagwardja l-lokalitajiet taghna minn kull żvilupp propost li jista' jkollu impatt negattiv fuq l-ambjent tal-madwar.

Austin Walker żied li dan l-iżvilupp propost, b'tali densità gholja ta' postijiet residenzjali, possibbilment seta' wassal lill-Bord japprova *slum area* ġdida.

Il-bord irrifjuta wkoll li jaghti permess ghall-bini propost ta' mahżen taht l-art ghar-riċiklaġġ ta' metall u roti f'sit li hu barra miz-zona ta' żvilupp, fin-Nadur, u li qabel kien *scrapyard* illegali. Is-sit, li ghadu kopert b'avviż ta' infurzar u diġà kien suġġett ghal żewġ operazzjonijiet ta' azzjoni diretta fl-ahhar snin, hu anqas minn 20 metru boghod mir-residenzi u mdawwar b'ghelieqi u zoni naturali.



Wara l-istennija għall-kunċert ta' Joseph Calleja li s-Sibt li għadda kellu jkun pospost minħabba r-riħ qawwi li ħakem il-gżejjer Maltin fi tmiem il-ġimgħa, it-tenur ċelebri Malti u internazzjonali offra spettaklu ta' mużika u kant mill-aqwa tal-ogħla livell. Fil-kunċert Fuq il-Fosos tal-Floriana, flimkien mal-kantant Taljan Riccardo Cocciante u l-kantanta raffinata Dionne Warwick, Joseph Calleja kien stupend. Ara wkoll paġna 32 (Ritratt: Brian Grech)

# Go tinvesti €100 miljun f'teknoloġija moderna

minn Charles **MUSCAT**

Matul is-sitt snin li ġejjin il-kumpanija tal-komunikazzjoni GO se tinvesti madwar €100 miljun f'teknoloġija u infrastruttura moderna.

Dan bhala parti mill-pjan biex tniedi *networks next generation* bhalma huma l-*fibre-to-the-home*, *upgrades* fin-*network* tal-*mobile* u investiment fl-infrastruttura tat-televiżjoni.

David Kay, il-Kap Eżekuttiv ta' GO, habbar dan ilbierah waqt żjara li l-Prim Ministru Lawrence Gonzi ghamel fil-faċilitajiet tal-operat tat-televiżjoni ta' GO fit-*TV Headend*, fil-Maghtab.

Il-Prim Ministru, akkumpanjat mid-Deputat Nazzjonalista Charlò Bonnici, Assistent Parlamentari fil-Ministeru tal-Infrastruttura, it-Trasport u l-Komunikazzjoni, iltaqa' mal-haddiema u ra parti mill-infrastruttura ġdida tat-televiżjoni li fiha GO diġà ghamlet investiment ta' €7 miljun.

Il-kumpanija hi f'pożizzjoni li xxandar ukoll il-loghob tal-*Premier League* Ingliż u tas-*Serie A* Taljana. GO kisbet

għal paġna 5



## Każ makabru fi Franza

Omm tammetti l-qtil tat-tmien uliedha... b'żewġha ma jaf b'xejn

Ara paġna 12

## Futbol

Diego Armando Maradona jgħid li kien ittradut mill-FA tal-Arġentina

Ara paġna 30





Id-dettalji tal-investiment li l-kumpanija GO qed twettaq bħalissa fil-faċilitajiet tal-operat tat-televiżjoni tagħha fil-Magħtab, kienu spjegati mill-Kap Eżekuttiv ta' GO, David Kay, lill-Prim Ministru Lawrence Gonzi li lbieraħ żar u ltaqa' mal-ħaddiema fil-faċilitajiet tal-GO fejn qed ittejjeb u ssaħħaħ l-infrastruttura u t-teknoloġija tagħha (Ritratt: Michael Ellul)

# Sinjal ieħor ta' fiduċja

*minn paġna 1*

id-dritt li xxandar l-istazzjonijiet televiżivi tal-aqwa timijiet tal-futbol fl-Ingilterra u fl-Italja, minbarra ammont kbir ta' stazzjonijiet oħra li jxandru films, sports, divertiment u aħbarijiet.

Il-Kap Eżekuttiv ta' GO qal li fl-aħħar tliet snin il-kumpanija żiedet l-abbonati tagħha minn 10,000 għal 53,000.

Il-Prim Ministru qal li s-settur tal-komunikazzjoni qed dejjem jiżviluppa u l-kumpanija Maltija GO qed tkompli tinvesti fl-ekonomija ta' pajjiżna biex tkun aktar kompetittiva wara li daħlet ukoll fis-settur tat-televiżjoni.

Lawrence Gonzi qal li l-investiment ta' €100 miljun li se tagħmel GO fis-sitt snin li ġejjin hu sinjal ieħor ta' fiduċja f'pajjiżna.

Hu qal li l-kompetizzjoni f'dan is-settur ġabet għażla akbar għall-konsumatur li min-naħa tiegħu jistenna dejjem l-aqwa servizz. Hu qal li l-privatizzazzjoni u l-liberalizzazzjoni tas-settur tal-komunikazzjoni wasslu biex sar aktar investiment f'pajjiżna.

Il-kumpanija GO bħalissa timpjega 1,100 ħaddiem u tipprovdi taħriġ kontinwu għal dawn il-ħaddiema ħalli jkunu aġġoranti mal-aħħar teknoloġiji.

## Indiċi tal-prezzijiet

L-indiċi tal-prezzijiet tal-produzzjoni industrijali żdiedet bi 2.8% meta komparata max-xahar ta' qabel.

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fisser li din iż-żieda kienet kaġunata minn żieda fil-prezzijiet tal-produzzjoni ta' 5% fis-settur tal-prodotti intermedjarji. Kienet reġistrata żieda ta' 1% fil-prodotti kapitali u tal-konsumatur waqt li l-prezzijiet tal-enerġija baqgħu stabbli.

Il-prezzijiet tal-produzzjoni għall-industrija żdiedu bi 3.3%, tal-enerġija bi 22.4% u l-prodotti kapitali u tal-konsumatur b'0.7%. Il-prezzijiet tal-produzzjoni fis-settur domestiku żdiedu b'16.9% bħala riżultat fiż-żieda fl-enerġija u l-prezzijiet ta' prodotti intermedjarji naqsu bi 2.7%.

**Nru. 667**
TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'
DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.
Il-2 ta' Lulju, 2010
(File No. L715/91)
DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA
Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.
Deskrizzjoni tal-Art
L-art li ġejja fil-limiti tas-Siġġiewi:
Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,014-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u hija reġistrata fir-records tal-Gvern bħala 52874.
L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu bħala plot Nru. 41 fuq il-pjanta L.D. 176/91/A li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.
(iff) George Abela
President
il-25 ta' Ġunju, 2010

**FOTOGRAFI fuq bażi part-time**
media·link COMMUNICATIONS
*Your largest media partner*
*Ħtiġijiet:*
- Għarfien estensiv fl-użu professjonali ta' kamera
- Kreattività, entużjażmu u impenn
- Kapaċità li jaħdem f'tim
- Disponibbiltà għal ħinijiet filgħodu jew filgħaxija.

L-applikanti jeħtieġ ikollhom livell sekondarju ta' edukazzjoni. Kwalifika terzjarja jew simili u esperjenza f'oqsma relatati jiġu kkunsidrati b'mod favorevoli.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sat-Tnejn, 2 ta' Awwissu 2010 lil:
**Dipartiment tar-Riżorsi Umani**
**Media.link Communications**
**2, Triq Herbert Ganado**
**Pietà PTA1450**
RADIO101
il-mument
pin
IN-NAZZJON
NET

**ĠURNALISTI fuq bażi part-time**
media·link COMMUNICATIONS
*Your largest media partner*
Media.link Communications qiegħda tagħmel sejħa għal ġurnalisti part-time biex jiffurmaw parti mill-kamra tal-aħbarijiet tagħha.

***Jeħtieġ li l-applikanti interessati***
- Ikollhom ħila bażika fl-użu tal-kompjuter
- Ikollhom ħila eċċellenti fil-kitba, analiżi u komunikazzjoni
- Ikunu jitkellmu u jiktbu tajjeb bil-Malti
- Ikollhom personalità motivata u pożittiva
- Ikunu kapaċi jaħdmu taħt pressjoni

Kwalifiki u esperjenza f'oqsma relatati jiġu kkunsidrati b'mod favorevoli

Persuni interessati għandhom jibagħtu CV lil:
**Dipartiment tar-Riżorsi Umani**
**Media.link Communications**
**2, Triq Herbert Ganado**
**Pietà PTA1450**
sa nhar it-Tnejn, 2 ta' Awwissu 2010
RADIO101
il-mument
pin
IN-NAZZJON
NET

**Pellegrinaġġ għall-ART IMQADDSA**
**EuroTours**
*6 – 13 ta' Settembru*
**€865**
- Titjira mal-Air Malta għal Tel Aviv u lura bit-taxxi u service charge inklużi
- 2 ljieli akkomodazzjoni tripla half board fil-Hotel Nof Ginosar ħdejn il-Baħar tal-Galilea
- 5 ljieli akkomodazzjoni tripla half board fil-Hotel Caesar Jerusalem jew Park Hotel Jerusalem f'Ġerusalem
- L-eskursjonijiet kollha skont il-programm bil-pranzu inkluż
- Assistenza minn rappreżentant tal-post fl-ajruport mal-wasla tagħna
- Porterage fl-ajruport u fil-lukandi
- Entraturi f'diversi postijiet li se nżuru
- Servizz ta' tour leader, direttur spiritwali u gwida tal-lokal matul il-programm kollu

Malta
*Mountbatten Street, Ħamrun*
Gozo
*26, Republic Street, Victoria*
email:
*info@eurotours.com.mt*
Telephones:
*25965555*
*21223295*
*21233193*
Gozo Office:
*21564452*
**www.eurotours.com.mt**

# Il-Kunsill Lokali Sliema jkompli jaħdem b'mod regolari

Il-kunsillieri kollha tal-Kunsill Lokali Sliema qablu unanimament biex ix-xogħol tal-Kunsill ikompli b'mod regolari fl-interess tar-residenti u tal-lokalità.

Il-laqgħa tal-Kunsill li saret ilbieraħ kienet imsejħa biex tkun diskussa r-relazzjoni tal-Kunsill mas-Segretarju Eżekuttiv.

Fil-bidu tal-laqgħa, is-Sindku Nikki Dimech stieden mill-Kunsillieri biex jekk kellhom xi mistoqsijiet x'jagħmlu lis-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi, jagħmluhom. Peress li ma saru l-ebda domandi, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi se taħdem fid-direzzjoni tal-Kunsill u skont id-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-Kunsill waqt il-laqgħat tiegħu.

Is-Sindku qal li hu jrid li issa l-Kunsill iħares 'il quddiem fl-interess tal-poplu Slimiż biex ikun moqdi kif jixraqlu. Hu talab lis-Segretarju tispjega l-pjan tagħha rigward l-istaff.

Is-Segretarju Eżekuttiv fissret li kien se jkollha skrivana oħra u b'hekk ix-xogħol amministrattiv seta' jitmexxa b'aktar effiċjenza.

Is-Sindku qal li fid-dawl tal-emendi fil-liġi, fil-ġimgħat li ġejjin se jsiru laqgħat għall-kunsillieri kollha biex ilkoll ikunu jafu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom. Hu qal li kien se jkompli jaħdem biex jinkisbu riżultati aħjar.

Għal xi mistoqsijiet ta' kunsillieri rigward xogħlijiet pendenti, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li filwaqt li x-xogħlijiet pendenti kollha twettqu, hi xorta waħda se tistenna li jkun hemm laqgħat tal-Kunsill biex ikunu approvati ħlasijiet li għandhom isiru.

Rigward xogħlijiet żgħar, qalet li hemm impjegati tal-Kunsill li b'materjal mixtri mill-Kunsill jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni li jkun hemm bżonn.

Is-Sindku qal li għal xogħol ieħor meħtieġ li ma jkunx jista' jsir mill-*handymen* impjegati, il-Kunsill kien se joħroġ sejħa għall-offerti biex bżonnijiet li jkun hemm ma jitħallewx pendenti.

Fi tmiem il-laqgħa, is-Sindku ddikjara li b'mod unanimu, il-Kunsill kollu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu qed juri r-rieda biex jimxu 'l quddiem u jfittxu dejjem l-interess tar-residenti u tal-lokalità.

Il-Kunsill aġġorna għal laqgħa oħra nhar il-Ħamis 5 ta' Awwissu fil-5.30 p.m.

# L-ewwel Kunsill Lokali b'servizzi dwar is-sigurtà soċjali

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja hu l-ewwel Gvern Lokali li qed joffri servizzi estensivi dwar il-qasam tas-sigurtà soċjali.

Ir-residenti tal-Gudja, minflok imorru f'raħal ieħor biex jinqdew għal dak kollu li jkollhom bżonn fejn jidħlu informazzjoni u applikazzjonijiet, issa jistgħu jinqdew permezz tal-*one-stop shop* li qed joffrilhom il-Kunsill Lokali tagħhom stess.

Ir-residenti jistgħu japplikaw għal kull benefiċċju tas-sigurtà soċjali li ma jirrikjedix dikjarazzjoni ġuramentata, jagħmlu rapporti dwar bdil fiċ-ċirkostanzi, iġeddu l-karta r-roża, japplikaw għall-karta r-roża, jissottomettu ċertifikati tal-mard, u jagħmlu kwalunkwe talba għall-informazzjoni fuq sigurtà soċjali.

Il-ftehim kien iffirmat mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali Joe Camilleri, u mis-Sindku tal-Gudja John Mary Calleja fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali Chris Said.

Chris Said qal li bħala parti mit-tiġdid tal-Kunsilli Lokali, kif imwettaq fix-xhur li għaddew, il-Kunsilli Lokali ngħataw diversi responsabbiltajiet ġodda kif ukoll ir-riżorsi meħtieġa biex joffru numru ta' servizzi fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.

Il-Kunsilli Lokali qed jiġu mħeġġa jikkontribwixxu lejn l-attivitajiet li jġibu magħhom l-inklużjoni soċjali u joffru servizzi biex jgħinu fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u tal-komunitajiet li jirrappreżentaw.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said faħħar l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Gudja li tnebbaħ mill-politika tal-Gvern dwar il-Gvern Lokali u beda joffri servizzi importanti fuq livell lokali.

"Il-Kunsilli Lokali għandhom ir-rwol li jgħinu biex jiffaċilitaw il-ħajja taċ-ċittadini li jirrappreżentaw, u llum aktar minn qatt qabel qed jingħataw l-għodda u r-riżorsi meħtieġa biex verament jagħmlu d-differenza fil-lokalitajiet tagħhom".

Fil-passat, ir-residenti tal-Gudja kienu jinqdew bis-servizz tas-sigurtà soċjali fid-distrett ta' Raħal Ġdid, u għal xi żmien dan is-servizz kien trasferit lejn Ħal Luqa. Issa s-servizz se jibda jingħata mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Gudja u minn dan il-ftehim se jgawdu mijiet ta' Gudjani li qabel kien ikollhom imorru f'raħal ieħor biex jinqdew.

Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali Joe Camilleri, qal li dan il-ftehim mal-Kunsill Lokali tal-Gudja hu proġett pilota. Il-ħsieb hu li l-proġett jinfirex u aktar Kunsilli Lokali jibdew joffru huma wkoll dawn is-servizzi.

Fil-ġimgħat li għaddew intlaħaq qbil bejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex l-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali kollha jkunu miftuħin għan-nies f'ħin regolari u l-istess kullimkien.

Il-Kunsilli Lokali se jkunu miftuħin għan-nies mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8am u s-1pm, filwaqt li nhar ta' Sibt l-uffiċċji qed ikunu miftuħin bejn it-8am u l-11.30am.

## IT-TEMP

**IT-TEMP** il-biċċa l-kbira xemxi li jsir ftit imsaħħab kultant
**VIŻIBBILTÀ** tajba
**IR-RIĦ** ħafif l-aktar mill-Punent
**BAĦAR** ħafif
**IMBATT** ftit li xejn
**TEMPERATURA** l-ogħla 29°C
**XITA** f'dawn l-aħħar 24 siegħa 0.0mm
Xita mill-1 ta' Settembru 391.5mm
**IX-XEMX** titla' fis-06.08 u tinżel fil-20.12

UV INDEX 9

### IL-ĦAMEST IJIEM LI ĠEJJIN

| IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT | IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA |
|---|---|---|---|---|
| L-ogħla 29°C | L-ogħla 29°C | L-ogħla 30°C | L-ogħla 31°C | L-ogħla 32°C |
| L-inqas 21°C | L-inqas 22°C | L-inqas 22°C | L-inqas 21°C | L-inqas 22°C |
| UV 8 | UV 8 | UV 9 | UV 10 | UV 10 |

### TEMPERATURI FI BLIET BARRANIN

It-temperatura u t-temp f'dawn il-bliet kapitali (f'nofsinhar hin ta' Malta) ilbieraħ kienet: Alġeri 32°C xemxi, Amsterdam 20°C imsaħħab, Ateni 33°C ftit imsaħħab, Liżbona 35°C xemxi, Berlin 22°C ftit imsaħħab, Brussell 18°C xita, il-Kajr 34°C xemxi, Dublin 16°C imsaħħab, Kopenhagen 21°C imsaħħab, Frankfurt 19°C imsaħħab, Milan 23°C xemxi, Istanbul 28°C xemxi, Londra 20°C ftit imsaħħab, Malta 28° ftit imsaħħab, Madrid 34°C ftit imsaħħab, Moska 38°C imsaħħab, Pariġi 20°C imsaħħab, Barċellona 27°C xemxi, Ruma 28°C ftit imsaħħab, Tel Aviv 31°C xemxi, Tripli 33°C xemxi, Tuneż 34°C ftit imsaħħab, Vjenna 24°C imsaħħab, Zurich 15°C bir-ragħad, Munich 15°C xita, Stokkolma 20°C xita, San Pietruburgu 33°C imsaħħab




# Miżmum il-bejgħ ta' żewġ tipi ta' puzzle mats

L-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* żammet il-bejgħ ta' żewġ tipi ta' *puzzle mats* tal-kumpanija *AN Shun Enterprise*. Dan wara li nstab li huma ta' periklu għat-tfal żgħar għax fihom partijiet żgħar li bihom it-tfal jistgħu jifgaw jekk jibilgħuhom.

Dan anke jista' jikkaġuna l-mewt. Dawn il-prodotti huma *Wondermat Interlocking puzzles* tal-*foam* u *mats,* u l-*Mini Combine Mats.*

L-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* tat direttiva lin-negozjanti biex ma jpoġġux dawn il-prodotti fis-suq, ma jbigħux u ma jagħtux dawn il-prodotti b'xejn lil konsumatur. Dawk li jinstabu li ma jobdux din id-direttiva jistgħu jittieħdu passi dixxiplinarji kontrihom.

Il-konsumaturi huma mħeġġa biex ma jużawx dawn il-prodotti u jirritornawhom fil-ħanut li minnu xtrawhom.





Iċ-Ċentru jinsab fl-iskola Primarja li tifforma parti mill-Kulleġġ San Injazju (Ritratt: Michael Ellul)

# Aktar Ċentri ta' Matul il-Jum għat-Tfal

minn Charles **Muscat**

Il-Gvern qed jaħdem biex il-ġenituri jsibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja u għalhekk qed ikompli jinvesti fil-ftuħ ta' aktar Ċentri ta' Matul il-Jum għall-Ħarsien tat-Tfal. Dawn iċ-ċentri qed jgħinu biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol għax dawn ikollhom moħħhom mistrieħ li wliedhom qed jingħataw edukazzjoni u ħarsien minn nies kwalifikati.

Dolores Cristina, il-Ministru tal-Edukazzjoni, ix-Xogħol u l-Familja qalet dan ilbieraħ waqt il-ftuħ taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Ħarsien tat-Tfal fis-Siġġiewi bl-isem *Id-Denfil.* Iċ-Ċentru jinsab fl-iskola Primarja li tifforma parti mill-Kulleġġ San Injazju. Attendew ukoll is-Segretarju Parlamentari Clyde Puli, il-Kummissarju għat-tfal Helen D'Amato u mistednin oħra.

Iċ-Ċentru li sar bl-inizjattiva tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi jifforma parti mill-programm edukattiv u ta' appoġġ għat-tfal u l-familji msejjaħ *SmartKids.* Dan il-programm hu mirat għat-tfal li jkunu ġejjin minn familji b'diffikultajiet, familji b'ġenitur wieħed u għat-tfal ta' ġenituri li jkunu jaħdmu t-tnejn jew li jkunu qed isegwu xi korsijiet.

Dan hu r-raba' ċentru li qed jinfetaħ din is-sena wara dawk fil-Kottonera, fil-Qawra u f'Birkirkara. Matul ix-xhur li ġejjin se jinfetħu wkoll ċentri oħra f'Pembroke u f'Bormla.

Dolores Cristina qalet li dawn iċ-ċentri huma regolati minn Uffiċċju Regolatarju li twaqqaf dan l-aħħar biex jara li jkunu tal-ogħla livell. Hi ħabbret li l-Gvern qed iħares ukoll lejn it-tfassil ta' liġi ġdida għal dan is-settur.

Roderick Agius, il-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi qal li l-ġenituri huma s-sieħba tal-Fondazzjoni fis-suċċess ta' dawn iċ-ċentri. Hu qal li permezz tal-kunċett *EduCare,* kull tifel u tifla jingħataw l-opportunità jiżviluppaw il-ħiliet u l-fantasiji tagħhom. Hu qal li l-Fondazzjoni hi impenjata li tibqa' tagħti servizz ta' kwalità lit-tfal kollha.

Albert Bell, iċ-Chairman il-ġdid tal-Fondazzjoni tkellem dwar ir-rwol aktar wiesa' tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi u faħħar il-ħidma tal-Ministru Dolores Cristina biex ikun hemm qabża ta' kwalità fl-edukazzjoni sa minn età bikrija.






# Interess f'Corporate Village

Malta Enterprise estendiet id-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet għall-espressjonijiet ta' interess għad-disinn dettaljat, l-iżvilupp, l-operazzjoni u r-riklamar ta' *Corporate Village Malta* sad-29 ta' Ottbru 2010.

L-estensjoni saret wara diversi talbiet minn investituri prospettivi biex ikunu f'pożizzjoni aħjar li jevalwaw il-proġett li se jinkludi investiment ta' bejn il-€150 miljun u l-€200 miljun.

Alan Camilleri, l-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Malta Enterprise, qal li l-proġett attira interess ġenerali kbir kemm f'Milan, f'Londra kif ukoll f'Malta fejn saru laqgħat ma' investituri potenzjali.

Din l-estensjoni, sostna Alan Camilleri, għandha tagħti opportunità aħjar lill-investituri biex jitrasformaw l-interess inizjali tagħhom f'sottomissjonijiet aktar konkreti.

*Corporate Village Malta* għandu l-iskop li jikseb viżjoni ta' eċċellenza billi jsir punt ewlieni fis-settur kummerċjali li dejjem qed jikber f'Malta. Iż-zona tal-Imrieħel qed tiżviluppa kontinwament minn zona industrijali għal zona ta' ċentru finanzjarju u kummerċjali u għalhekk il-ħoqlien ta' *Corporate Village* għandu jestendi u jkabbar dan il-prinċipju.

**Nru. 666**

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Il-2 ta' Lulju, 2010

(File No. L712/91)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-limiti tas-Siġġiewi:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,727 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u hija reġistrata fir-records tal-Gvern bħala 52871.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħdar bħala plot Nru. 36 fuq il-pjanta L.D. 176/91/A li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(ff) George Abela
President

Il-25 ta' Ġunju, 2010

# Melita tkompli tinvesti fl-infrastruttura tal-cable tv

Melita qed tkompli tinvesti fl-infrastruttura tal-*cable television* sabiex jixxandru l-ħames stazzjonijiet ġodda tal-isport li ġew imnedija riċentament, inkluż stazzjon *High Definition* (HD).

L-istazzjonijiet ġodda li se jkunu aċċessibbli b'xejn bħala parti mill-pakketti tat-televiżjoni *standard* minn nhar is-Sibt 7 ta' Awwissu, huma *Malta Stars, Football Stars 1, Football Stars 2, All Stars* u *Stars HD.*

Bħalissa qed isiru numru ta' *upgrades* u installazzjonijiet fiċ-ċentru tekniku ta' Melita fil-Madliena biex kollox ikun lest għat-tnedija tal-istazzjonijiet Stars inkluż sistema *playout* ġdida. Dan l-investiment qed isir ftit żmien biss wara *upgrades* tekniċi li ġew implimentati aktar kmieni din is-sena qabel ma tnieda s-servizz HD.

Bħala riżultat ta' dan l-investiment, abbonati ta' Melita issa jgawdu aktar kontenut esklussiv tal-isport, inkluż għall-ewwel darba f'Malta s-Serie A Brażiljana.

L-abbonati kollha fuq il-pakkett tat-televiżjoni ta' Melita L u XL se jibbenefikaw minn aċċess b'xejn għal *Malta Stars*, b'xandiriet tal-isports lokali. L-abbonati fuq il-pakkett tat-televiżjoni XL se jkollhom aċċess b'xejn ukoll għall-*Football Stars 1, Football Stars 2, ALL Stars* u *ALL Stars HD. Football Stars 1* u *Football Stars 2* se joffru xandiriet *live* ta' futbol internazzjonali bħal-*Liga* Spanjola, il-*Bundesliga, Carling Cup, UEFA EURO 2010 Qualifiers, Bayern Munich TV, Barca TV,* kif ukoll logħbiet oħra internazzjonali.

L-istazzjon *ALL Stars* joffri varjetà ta' sports internazzjonali bħal *WWE Wrestling*, logħbiet tal-*NBA Basketball,* tlielaq taż-żwiemel ATG, avvenimenti ta' *Red Bull X-Fighters, Red Bull Air Race, boxing* u ħafna iktar.

*Stars HD* joffri aċċess b'xejn għal xandiriet tal-aqwa avvenimenti sportivi *live* f'*High Definition* aċċessibbli għall-abbonati XL li għandhom il-Melita Netbox HD.

Melita nediet pakkett ġdid ta' disa' stazzjonijiet *premium* dedikati għall-aqwa attrazzjonijiet tal-futbol internazzjonali bħall-*UEFA Champions League,* aktar minn 100 logħba tal-*UEFA Europa League,* il-*Copa Libertadores* u l-aktar mumenti importanti minn avvenimenti tal-futbol oħrajn.

Il-pakkett ġdid tal-futbol se jkun disponibbli għall-prezz ta' €9.99 fix-xahar għall-abbonati kollha li għandhom Melita Netbox HD u joffri aċċess b'xejn għal-logħob taċ-*Champions league* u logħob oħra tal-futbol internazzjonali fuq Melita Sports HD.

# Kaċċa fl-Eġittu

Stħarriġ juri li Maltin li jmorru għall-kaċċa fl-Eġittu huma involuti f'numru ta' illegalitajiet.

Birdlife Malta qalet li dan l-istħarriġ sar fuq il-Park Nazzjonali ta' Gebek Elba, fl-Eġittu, mill-Aġenzija għall-Affarijiet Ambjentali tal-Eġittu, u fih issir riferenza għal kaċċaturi Maltin li jikkaċċjaw fuq għasafar protetti.

Minkejja li l-aċċess għal din iz-zona hu kontrallat, l-istħarriġ jistaqsi kif il-kaċċaturi Maltin jirnexxielhom jikkaċċjaw b'mod illegali u jiksbu l-munizzjoni. Inghatat ukoll lista ta' għasafar protetti maqbuda fil-pussess ta' kaċċatturi illegali, inkluż dawk Maltin.

# Apprezzament għall-investiment tal-Gvern f'Marsaxlokk

Il-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista f'Marsaxlokk esprima s-sodisfazzjoni għall-ammont kbir ta' investiment, ħidma u xogħol li qed issir mill-Gvern Nazzjonalista fin-nofsinhar ta' Malta, iżda b'mod speċjali f'Marsaxlokk.

Fi stqarrija, il-Kumitat qal li tliet snin ilu dan ir-raħal li fih hemm komunità numeruża ta' sajjieda, ra l-investiment min-naħa tal-Gvern anke permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea f'faċilitajiet għat-tiswija tal-bastimenti tas-sajjieda, liema faċilitajiet għamlu l-ħajja tas-sajjieda ferm aktar faċli kemm fuq livell soċjali kif ukoll fuq livell finanzjarju.

**Impenn tal-Gvern li jkompli jtejjeb il-kwalità ta' ħajja tar-residenti ta' Marsaxlokk filwaqt li jkompli jaħdem biex noffru prodott turistiku aktar denju**

Dawn il-faċilitajiet huma investiment mill-Gvern Nazzjonalista li kull sajjied illum il-ġurnata japprezza l-bżonn tagħhom.

Il-Kumitat Sezzjonali PN Marsaxlokk qal li l-ħidma ta' Gvern Nazzjonalista ma waqfitx hemm għaliex il-Gvern qed jimbarka bi proġett ieħor, din id-darba Park Nazzjonali f' Delimara, kif ukoll *Marine Park* fi Xrobb l-Għaġin fejn qabel kien hemm id-*Deutsche Welle.*

L-istess Gvern Nazzjonalista kkommetta ruħu u se jwettaq proġett ta' tiswija u estensjoni ta' mitt metru tal-*breakwater* li hemm mal-moll ta' ħdejn il-*power station.*

L-istess Gvern, permezz tal-Ministru George Pullicino, ħabbar ukoll il-proġett ta' bini ta' *breakwater* ieħor fuq in-naħa tal-ponta tal-Qrejten. Dan il-*breakwater* il-ġdid se jkun qiegħed joffri aktar sigurtà lill-opri tal-baħar tal-komunità tas-sajjieda fi ġranet ta' maltemp.

Il-Kumitat qal li wieħed ma jistax ma jfaħħarx il-proġett tal-*promenade* ta' Marsaxlokk li permezz tiegħu, Xatt is-Sajjieda qed jingħata wiċċ ġdid tat-tarmak, tibdil fis-sistema tad-dwal filwaqt li sar xogħol ukoll fuq is-servizzi essenzjali bħal dranaġġ u ilma.

L-investiment qed isebbaħ il-*promenade* ta' Marsaxlokk anke permezz ta' għamara tat-triq ġdida li tmur tajjeb mal-karattru ta' dan ir-raħal pittoresk. Bħala parti minn dan il-proġett il-pjazza se tkun ukoll imsebbħa.

Il-Kumitat sostna li dan l-investiment ta' miljuni kbar ta' ewro minn Gvern Nazzjonalista f'Marsaxlokk, juri l-impenn tal-Gvern li jkompli jtejjeb il-kwalità ta' ħajja tar-residenti ta' Marsaxlokk filwaqt li jkompli jaħdem biex noffru prodott turistiku aktar denju.





Rosetta Thornhill (it-tieni mil-lemin) rebħet il-premju 'David Ashton' grazzi għal kisbiet u l-livell li rnexxielha tilħaq fil-'Masters of Science programme' tas-Centre of Labour Studies tal-Università ta' Leicester. Joe Gerada, *Chief Executive Officer* tal-'Foundation for Human Resources Development', li tirrappreżenta ċ-ċentru f'Malta, iddeskriva din il-kisba bħala turija tal-kapaċità tal-istudenti Maltin li 30% minnhom jirnexxilhom iġibu l-ogħla gradi fil-korsijiet li jkunu qed isegwu. Rosetta Thornill iggradwat ma' ħames studenti oħra Maltin, Marika Borg, Nadya Bruno Olivier, Therese Piscopo, Clifford Schembri u Simeona Zerafa.

# Faċilitajiet ġodda fit-Taqsima tat-Tfal fl-Isptar Monte Carmeli

Iż-żgħażagh u t-tfal li jkollhom bżonn attenzjoni speċjali u kura fil-kontroll tas-sensi fit-Taqsima taż-Żgħażagh fl-Isptar Monte Carmeli issa se jkunu jistgħu jkunu mharsa aħjar permezz ta' faċilitajiet ġodda magħmulin apposta għal dawk iċ-ċirkostanzi.

Dawn il-faċilitajiet kienu inawgurati mis-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani Mario Galea waqt żjara li għamel fit-Taqsima taż-Żgħażagh fl-Isptar fejn ra dawn il-faċilitajiet u tkellem dwar is-sensittività u l-prijorità li dan is-settur għandu jingħata. Għal din l-inawgurazzjoni attendiet fost oħrajn Helen D'Amato, il-Kummissarju tat-Tfal.

Is-Segretarju Parlamentari Mario Galea tkellem dwar il-mod kif il-ħidma f'dan is-settur sensittiv tifforma parti mill-politika tal-Gvern. Mario Galea faħħar il-ħidma li jwettaq it-tim professjonali assenjat f'din it-taqsima, li jikkura żgħażagh sa 16-il sena.

Fit-taqsima hemm tmien sodod f'taqsima li għandha l-forma ta' dar bl-iskop li toffri faċilitajiet normali ta' dar ta' familja għaż-żgħażagh.

It-taqsima tinkludi servizz ta' tagħlim għaż-żgħażagh flimkien ma' terapija meħtieġa. L-iskop ta' din it-taqsima hu li ż-żgħażagh li jkollhom bżonn terapija jkunu protetti minn kull periklu u biex it-tagħlim li jieħdu jgħinhom jintegraw aktar fis-soċjetà.

Il-faċilitajiet inawgurati jinkludu *multi sensor room* li fiha lwien apposta biex joffru ambjent rilassanti għaż-żgħażagh flimkien ma' dwal kontrollati, kuluri ħfief u *projector* li joħloq xenarji rilassanti flimkien ma' *water bubble column* u mużika rilassanti fl-isfond.

tm
Transport Malta

Call for Tenders

Transport Malta notifies that sealed tenders will be received for the following works:

**Rideability Works at Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa**
Publication Reference: TM 030/2010

**Rideability Works at Ghar Lapsi, Siggiewi, Qrendi and Ta' Zuta, Siggiewi**
Publication Reference: TM 042/2010

**Rideability Works at Ta' Zuta, Siggiewi (Phase 2)**
Publication Reference: TM 043/2010

**Rideability Works at Triq il-Panorama and Triq il-Pitkali, Dingli (Phase 4)**
Publication Reference: TM 044/2010

**Rideability Works at part / of Triq it-Turretta, Dingli**
Publication Reference: TM 045/2010

**Rideability Works at part / of Triq il-Panorama and part / of Triq it-Turretta, Dingli (Phase 5)**
Publication Reference: TM 046/2010

Interested parties are invited to collect a copy of the tender document/s as from **Friday 30th July 2010**, during office hours. The tender document/s may be collected, against a payment of €25 for each tender, from the Administration Department – Level 4, Transport Malta, Malta Transport Centre, Marsa.

Sealed tenders, complete with all required documents are to be submitted by not later than **12.00hrs on Tuesday 24th August 2010** at:

The Tender Box
Administration Department – Level 4
Transport Malta
Malta Transport Centre
Marsa

Transport Malta is the Authority for Transport in Malta set up by Act XV of 2009

tm
Transport Malta

Call for Tenders

Transport Malta notifies that sealed tenders will be received for:

**Repairs to Quay Deck and Other Maintenance Works at Barriera Wharf, Valletta**
Publication Reference: TM 012/2010

Interested parties are invited to collect a copy of the tender document as from **Tuesday 27th July 2010**, during office hours. The tender documents may be collected, against a payment of €25, from the Administration Department – Level 4, Transport Malta, Malta Transport Centre, Marsa.

Sealed tenders, complete with all required documents are to be submitted by not later than 10.00hrs on Friday **3rd September 2010** at:

The Tender Box
Administration Department – Level 4
Transport Malta
Malta Transport Centre
Marsa

Transport Malta is the Authority for Transport in Malta set up by Act XV of 2009

# Team 2015 jiltaqa' mal-UĦM

minn Mark **AZZOPARDI**

**Żgħażagħ minn Team 2015 iltaqgħu ma' rappreżentanti tal-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) u flimkien iddiskutew temi relatati mal-Viżjoni 2015.**

Ryan Callus, koordinatur ta' Team 2015, spjegalna li l-għan ta' dawn il-laqgħat hu li tkompli ssir konsultazzjoni wiesgħa ma' dawk kollha konċernati biex id-dokument finali jkun jinkludi firxa ta' opinjonijiet mis-setturi differenti tal-ħajja.

Is-Segretarju Ġenerali tal-UĦM Gejtu Vella qal li laqgħat bħal dawn iservu biex isiru diskussjonijiet dwar is-setturi li jolqtu l-aktar liċ-ċittadini. Qal li fil-UĦM qed isiru diskussjonijiet dwar kif il-Viżjoni 2015 li nieda l-Gvern, issir tal-poplu u dwar kif il-poplu jista' jkun aktar parteċipattiv. Il-UĦM ukoll qed tagħmel numru ta' laqgħat u konsultazzjonijiet biex imbagħad f'Settembru toħroġ il-proposti tagħha dwar din il-viżjoni li għandha tieħu l-milja tagħha billi kulħadd ikun parteċipi fil-ġid li jinħoloq.

Team 2015 twaqqaf mill-Moviment Żgħażagħ Partit Nazzjonalista u fih jinvolvi żgħażagħ li fil-maġġoranza tagħhom mhumiex involuti fil-politika. Dawn iż-żgħażagħ għaddejjin bi proċess ta' konsultazzjoni biex fl-aħħar jippreżentaw dokumenti bil-proposti li jkunu ġabru dwar il-Viżjoni 2015 lill-Prim Ministru Lawrence Gonzi.



F'Settembru li ġej il-UĦM ukoll se tagħmel il-proposti tagħha dwar il-Viżjoni 2015 (Ritratt: Brian Grech)

**Nru. 671**
TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'
DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.
It-2 ta' Lulju, 2010
(File No. L705/91)
DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA
Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.
Deskrizzjoni tal-Art
L-art li ġejja fil-limiti tas-Siġġiewi:-
Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,726 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u hija reġistrata fir-records tal-Gvern bħala 52894.
L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar bħala plot Nru. 28 fuq il-pjanta L.D. 176/91/A li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.
(fff) Abela
President
L-24 ta' Ġunju, 2010

**Nru. 668**
TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'
DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.
It-2 ta' Lulju, 2010
(File No. E09/2002/I/102)
DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA
Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.
Deskrizzjoni tal-Art
L-art li ġejja fil-limiti tas-Siġġiewi:-
Biċċa art tal-kejl ta' madwar 17,164 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u hija reġistrata fir-records tal-Gvern bħala E00167.
L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. 150_2004 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.
(fff) George Abela
President
Il-25 ta' Ġunju, 2010

KUNSILL LOKALI – MARSAXLOKK – LOCAL COUNCIL
5, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK 1051
Tel No: 21652525, 21650987 Fax: 21659556
E-Mail: marsaxlokk.lc@gov.mt

**AVVIŻ**
**LILL-PUBBLIKU U**
**LILL-BEJJIEGĦA TAS-SUQ TA' NHAR TA' ĦADD TA' MARSAXLOKK**

IL-KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK JAVŻA LI MINĦABBA ATTIVITAJIET KONNESSI MAL-FESTA TA' MARSAXLOKK,
IS-SUQ MHUWIEX SE JARMA NHAR IL-ĦADD,
1 TA' AWWISSU 2010




**LOURDES**

**EuroTours**

*Ġimgħa sħiħa:* 19 – 25 ta' Awwissu – **€590**
*5 ijiem:* Awwissu – Settembru – **€515**
*4 ijiem:* – Awwissu – Settembru – **€475**

- Titjiriet mal-Air Malta bit-taxxi inklużi
- Akkomodazzjoni full board għal 2/3/4 fil-Best Western Hotel Christina 3 star superior f'Lourdes
- Servizz ta' tour leader u direttur spiritwali

Malta
*Mountbatten Street, Ħamrun*
Gozo
*26, Republic Street, Victoria*
email:
*info@eurotours.com.mt*
Telephones:
*25965555*
*21223295*
*21233193*
Gozo Office:
*21564452*

**Ġita ta' 12-il ġurnata għal**
**Lourdes, Nevers, Pariġi u Disneyland**

*Mill-25 ta' Awwissu sal-5 ta' Settembru*

**€960***

- Titjira għal Lourdes u lura minn Pariġi bit-taxxi inklużi
- Vjaġġ bil-ferrovija minn Lourdes għal Pariġi
- Akkomodazzjoni tripla f'lukandi 3 star f'Lourdes (5 iljieli) full board u Pariġi (6 iljieli) Bed & Breakfast
- Tour Leader

* Prezz speċjali jekk jittieħdu l-eskursjonijiet kollha

**www.eurotours.com.mt**

**Nhar il-Ħamis, 22 ta' Lulju, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi flimkien mal-Ministru George Pullicino permezz ta' mawra fuq il-baħar, żaru xogħlijiet ta' restawr li qed jitwettqu fuq sitt kilometri tas-swar tal-Belt Valletta u l-Kottonera b'faċċata ta' 135,000 metru kwadru. Dan il-proġett jinvolvi investiment ta' €36 miljun u jinkludi wkoll is-swar tal-Imdina u s-swar taċ-Ċittadella f'Għawdex. Il-parti l-kbira tal-fondi għal dan il-proġett ġejjin mill-Unjoni Ewropea. Matul iż-żjara tagħhom, il-Prim Ministru u l-Ministru Pullicino kienu akkumpanjati minn diversi sindki u minn tfal mill-iskola tas-sajf 'Kidstart' fl-Imrieħel.**

# Xogħol kbir ta' restawr madwar il-Port il-Kbir

**Il-Port il-Kbir hu ġojjell minn kull lat. Sew mill-mod kif ġie maħluq min-natura f'forma ta' pala ta' id – bir-Rinella, Sant'Anġlu u l-Birgu u l-Isla s-swaba'; u sew għax mad-dawra tal-Port il-Kbir seħħet l-istorja ta' Malta u għalhekk dawn l-inħawi fihom fortifikazzjonijiet, knejjes, palazzi u djar li jostru l-istorja ta' pajjiżna.**



Il-Port il-Kbir: ġojjell minn kull lat



minn Joe M. **ZAHRA**

F'dawn l-ahhar snin, ir-restawr ta' dawn il-ġojjelli tal-istorja ha diversi modi. Kien hemm restawr li sar direttament mill-Gvern, restawr li sar mill-Gvern b'ghajnuna qawwija minn fondi mill-Unjoni Ewropea, restawr li sar kompletament mill-privat u restawr li sar bhala parti mill-kundizzjonijiet li l-Gvern ghamel lill-privat ghal proġetti kapitali urbani.

Jekk nibda minn tal-ahhar insibu li fuq kull naha tal-Port il-Kbir twettqu żewġ proġetti kbar: il-Valletta Waterfront fuq in-naha tal-Belt u l-proġett tal-Kottonera fuq in-naha tal-Birgu. Fil-proġett tal-Valletta Waterfront ġew restawrati l-imhażen ta' Pinto u ta' Forni, il-kappella tas-Sagra Familja u l-Power Station il-qadima. Barra mir-restawr, inbnew mill-ġdid partijiet li kienu waqghu, filwaqt li sar sar xi bini ġdid biex jintlahaq l-iskop li jkollna *Cruise Passenger Terminal* tal-oghla kwalità -- kwalità, li tidher fiċ-ċar min-numru ta' premjijiet internazzjonali li nghata kemm ilu li twaqqaf.

Fuq in-naha l-ohra tal-Port il-Kbir insibu l-proġett tal-Kottonera. Proġett li jiġbor fih il-Palazz tal-Ammiral tax-Xwieni ta' żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li kien fi stat mill-aghar b'parti minnu mwaqqgha u li ġie restawrat u mibdul fil-Casinò di Venezia b'investiment li lahaq il-miljuni. Twaqqa' bini li kien ikerrah is-swar ta' Sant'Anġlu, pont li kien inbena xi snin ilu u li ma kienx jaqbel mal-ambjent. Ġew restawrati l-imhażen kbar li hemm, inbena blokk appartamenti flok bini mwaqqa', inbena *yacht marina* mill-isbah u li jiehu anki *super yachts*, filwaqt li l-inhawi kollha tax-xatt ġew imsebbha u inbidlu fi *promenade* mill-aqwa.

Fl-istess inhawi hemm il-Mużew Marittimu filwaqt li beda l-ewwel parti tar-restawr tal-Forti Sant'Anġlu li jista' jitqies il-benniena tal-istorja ta' Malta. Fl-inhawi wkoll se jitwettaq il-proġett tal-baċir Numru 1, li jrid jinbidel f'ċentru u kumpless ta' divertiment ghal-lokal u t-turisti. F'dawn l-inhawi, speċjalment fil-Birgu, il-Gvern wettaq diversi proġetti ta' restawr fuq diversi dhul ghall-Birgu u Bormla bhal *Notre Game Gate*, il-Mina ta' Santa Liena, *Polverista Gate* u fortifikazzjonijiet ohrajn, bereġ, palazzi u bini qadim.

Fuq in-naha l-ohra tal-Port il-Kbir, fil-Belt Valletta twettaq u qed jitwettaq xoghol kbir ta' restawr. Proġetti kbar bhall-Kavallier San Ġakbu li nbidel f'Ċentru ta' Kreattività u tas-Sagra Infermeria fejn illum hemm iċ-Ċentru tal-Konferenzi tal-Mediterran. Xoghol kontinwu ta' restawr sar u qed isir fil-Palazz Presidenzjali, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, fi knejjes u kappelli, f'bereġ u palazzi, fit-Teatru Manoel, fil-Biblijoteka Nazzjonali, f'niċeċ fil-kantunieri tat-toroq. It-toroq qed jinqalghu u jinksew mill-ġdid. Il-misrah quddiem il-Palazz inbidel f'ċentru fejn jiltaqghu n-nies fi pjazza mill-isbah madwar funtani li l-ilma li johroġ minnhom jiffriska l-art u lin-nies li jkun hemm!

Biex inkunu nafu kemm sar u qed isir restawr fil-kapitali ta' pajjiżna, biżżejjed niehdu l-wesgha quddiem il-berġa ta' Kastilja u l-inhawi qrib. Il-faċċata tal-knisja ta' Santa Kastilja qed tiġi restawrata u hiereġ il-ġmiel taghha. Il-Berġa tal-Italja ġiet restawrata minn ġewwa. Il-faċċata tal-knisja ta' Santa Caterina d'Italia ġiet restawrata u issa qed isir xoghol ta' restawr minn ġewwa. Il-knisja tal-Vittorja qed tiġi restawrata minn ġewwa. Dik li kienet knisja tal-Ingliżi, u wara kien hemm fiha l-Posta, ġiet restawrata minn ġewwa u minn barra biex illum hemm il-Borża ta' Malta. Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq ġew restawrati u nghataw dehra ġdida. Ma' dan kollu hemm ir-restawr tal-Kavallier San Ġakbu li semmejt diġà u li ġie restawrat minn ġewwa u minn barra. Dan post wiehed biss tal-Belt Valletta!

Ir-restawr fil-kapitali hu proġett kontinwu. Bhalissa f'diversi partijiet madwar il-Belt wiehed jara *scaffolding* tiela' mas-swar, li jfisser li qed jiġu restawrati s-swar wara mijiet ta' snin li fuqhom ma sar xejn. Biss il-Belt ma tkunx kompluta jekk ma jitwettaqx il-proġett ghall-bini tal-Parlament li se jitla' fil-pjazza kif tidhol fil-belt iżda li se jsir b'tali mod li l-pjazza tibqa' hemm, it-teatru ghall-apert flok fejn kien hemm it-Teatru Rjal, Bieb il-Belt u anki barra l-Belt. Dan irid johloq assi mal-proġett ghar-restawr tal-Forti Sant'Iermu. Dan hu proġett iehor li se jaghti hajja ġdida lill-Belt Valletta. Hu tahlita ta' restawr u bini ġdid. Restawr tad-dahla tal-Belt u tal-Kavallier San Ġakbu fuq in-naha tad-dahla ta' Bieb il-Belt. Bhalissa qed jitwettaq ukoll restawr fuq il-Kavallier San Ġwann. Jista' jkun li dan il-proġett, li se jinvolvi investiment ta' €80 miljun jitkabbar biex jinkludi interventi fuq il-bini fuq in-naha tax-xellug tal-pjazza u anki fuq il-wesgha fejn hemm it-terminus tal-karozzi tal-linja li mistenni jmur fil-Foss ta' San Ġakbu.

Il-proġett ghar-restawr tas-swar madwar il-Belt u l-Kottonera żgur li ma kienx jiġi realizzat kieku ma kinux ghall-fondi Ewropej. L-ahhar li sar xi haġa fuq is-swar kien meta bhala parti mill-Ftehim Finanzjarju u tad-Difiża li akkumpanjaw l-Indipendenza, il-Gvern Ingliż kien poġġa ghad-dispożizzjoni tal-Gvern Malti miljun lira, li dak iż-żmien kienu hafna flus. Iżda wara, ftit li xejn sar xoghol fuq is-swar, tnehhi ghal xi proġett 'l hinn u 'l hawn li wettaq il-Gvern Malti fuq swar li kienu fi stat hażin hafna. Issa qed jitwettaq proġett ta' €36 miljun u li se jara hafna mil-linja twila ta' fortifikazzjonijiet li ghandu pajjiżna tinghata s-sbuhija li kellha qabel. Dan il-proġett minbarra li se johloq ix-xoghol waqt li jkun qed jiġi esegwit, se jikkontribwixxi bil-qawwi biex nippromwovu iktar lil Malta bhala ċentru storiku mill-aqwa. Diġà bdew jinkixfu swar li qabel kienu inaċessibbli. Darba dawn jitlestew, jista' jkollna *heritage trails* li jiehdu lill-Maltin u lill-barranin madwar is-swar ta' pajjiżna.

M'hemmx dubju li r-restawr mhux isir mad-dawra tal-Port il-Kbir biss. Bhala parti minn proġett urban kapitali iehor, dak ta' Manoel Island u l-Ponta ta' Tignè, twettaq restawr importanti fuq il-Forti Manoel. Ġojjell iehor ta' storja li ghal snin twal kien abbandunat. Issa se jibda r-restawr tal-Forti ta' Tignè. L-istess kumpanija rrestawrat ukoll il-*Garrison Chapel* f'Tignè.

Hafna u hafna xoghol iehor ta' restawr qed isir ma' kull parti ta' Malta u Ghawdex. Iżda l-konċentrazzjoni l-kbira tibqa' fuq il-bliet ta' madwar il-Port il-Kbir. Mhux b'kapriċċ iżda ghax hekk jixraq. Jien nemmen li dawn l-inhawi jixirqilhom kull ewro li qed jintefaq fuqhom. Nemmen li dan hu investiment kapitali fis-sostenibbiltà ta' dak li tatna l-istorja. Hu investiment li ghandu jaghmilna wkoll kburin ghax hu fl-istorja ta' pajjiżna u anki fil-futur ta' Malta.

IN-NAZZJON
Editur: Alex Attard
Media.Link Communications Co. Ltd. 2, Triq Herbert Ganado, Pietà PTA 1450
P.O. Box 37, Ħamrun ĦMR 1000 e-mail: news@media.link.com.mt
Tel: 21243641/2/3 Fax No. 21242886
Dipartiment ta' l-Avviżi Tel: 25965-317/232/474 Fax: 21240261
E-mail: adverts@media.link.com.mt

L-EDITORJAL

# Ma jinteressahomx

Għal darb'oħra din il-ġimgħa, reġa' stona l-atteġġjament tal-Partit Laburista li aktar ma jkollu okkażjonijiet li fihom jista' juri kemm jista' jkun differenti minn żminijiet oħra, qiegħed għal darb'oħra jaqa' fl-istess żbalji tal-passat. Mhux żbalji biss, iżda issa qiegħed joħroġ il-kuntrast kbir ta' kemm hemm baħar x'jaqsam bejn il-kliem u l-fatti tal-Partit Laburista.

Il-mexxej preċedenti Alfred Sant kien iddikjara gwerra mal-Gvern. Il-mexxej preżenti, is-suċċessur ta' Alfred Sant, Joseph Muscat, jipprova ta' kuljum jagħti l-impressjoni li hu differenti minn ta' qablu. Iżda meta tagħsar u tanalizza l-atteġġjament tal-partit li qed imexxi, kif ukoll għemilu, tinduna malajr li m'hemm xejn differenti u li baqa' miexi fuq il-passi tal-mexxejja preċedenti.

### Jispikka l-baħħ tad-Deputati Laburisti

L-aħħar eżempju tal-atteġġjament negattiv tal-Oppożizzjoni Laburista deher fl-inawgurazzjoni ta' Triq Valletta, fiż-Żurrieq – triq li fl-aħħar xhur sar fiha investiment qawwi b'għajnuna ta' fondi tal-Unjoni Ewropea. It-triq inqalgħet mill-qiegħ, tbiddlu s-servizzi, kienet applikata sistema aktar sigura għat-traffiku, u li fuq kollox inbniet b'ambjent mill-isbaħ b'ħitan li jpaxxu l-għajn għad-dehra mill-isbaħ tal-kampanja Maltija. Proġett ieħor li jkompli mal-kilometri ta' toroq li diġà saru fuq l-istess livell b'fondi tal-UE f'dawn l-aħħar snin.

Meta din il-ġimgħa kienet inawgurata uffiċjalment it-triq, twila kważi żewġ kilometri b'investiment ta' €4.4 miljun, mill-Ministru Austin Gatt li taħtu taqa' r-responsabbiltà ta' Transport Malta fdata bil-proġetti ta' titjib tal-arterji ewlenin tat-toroq f'pajjiżna, spikka l-baħħ tal-Oppożizzjoni Laburista. Minkejja li kienet mistiedna għal din l-inawgurazzjoni ta' triq li issa hi ġdida u li hi importanti għar-residenti fl-inħawi ta' numru ta' villaġġi u lokalitajiet fil-viċinanzi taż-Żurrieq, bħalma huma Ħal Kirkop, l-Imqabba u l-Qrendi kif ukoll iz-zoni turistiċi ta' Wied iż-Żurrieq u t-Tempji tal-Imnajdra, l-Oppożizzjoni wriet li ma jinteressahiex.

### Jinjora proġett li tejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti

Il-baħħ tal-Oppożizzjoni Laburista għandu tifsira. Filwaqt li jkunu minn ta' quddiem u tal-ewwel li d-Deputati Laburisti li jirrappreżentaw dawn il-lokalitajiet li jitkellmu u jikkritikaw lill-Gvern f'isem ir-residenti, ġew jaqgħu u jqumu minn żvilupp importanti fil-ħajja ta' kuljum li bdew jesperjenzaw ir-residenti bil-proġett ta' titjib ta' triq ewlenija li jużaw ta' sikwit u li se tagħmel differenza fil-ħajja ta' kuljum. Il-Partit Laburista ma jinteressahx f'dan l-iżvilupp pożittiv.

Ħadd mid-Deputati Laburisti George Vella, Anthony Zammit, Marlene Pullicino u Karmenu Vella ma attenda, u li kienu mistednin għaċ-ċerimonja. Is-siġġijiet tagħhom tul iċ-ċermonja baqgħu vojta.

Jekk verament il-Partit Laburista jrid ikun differenti, irid juri bil-fatti u bl-eżempju li tassew hu differenti. Il-baħħ kien evidenti. Il-Partit Laburista injora għal kollox l-investiment qawwi li sar favur kwalità ta' ħajja aħjar għar-residenti. Wera wkoll li ma jinteressahx il-pożittiv li jsir mill-gvern ċentrali favur ir-residenti. Jimpurtah biss li jkun negattiv. L-importanza għalih hu biss li jikkritika. Ta prova wkoll li ma jafx jgħid li hu tajjeb, dak li hu tajjeb.

L-atteġġjament tal-Partit Laburista fiż-Żurrieq jikkuntrasta wkoll mal-atteġġjament li kien ha l-Partit Laburista fi proġett ieħor kbir fil-bini mill-ġdid ta' arterja oħra importanti li tagħti għal Wied il-Għajn, fejn dakinhar, fiċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-proġett, il-Partit Laburista kien preżenti.

### Inkonsistenza għax mhux kapaċi jinbidel

Il-Partit Laburista jrid ikun konsistenti. L-inkonsistenza qed turi li l-Partit Laburista mhux konvint minn dak li jagħmel. L-inkonsistenza qed turi li l-Partit Laburista mhux kapaċi għax mhux qed jirnexxilu jwettaq il-bidla importanti li wiegħed li se jagħmel – dak li jkun differenti mit-tmexxija ta' qablu. Partit li għax baqa' bl-istess uċuħ, baqa' l-istess.

# Joseph Muscat imieri l-fatti b'irresponsabbiltà kbira



minn Salvu
FELICE PACE
sfp@mail.global.net.mt

Kurjuża din. It-*Times* iġġib dak li qal Joseph Muscat nhar il-Ħadd li għadda b'ittri kbar fil-harġa tat-Tnejn: *"We've got our act together"* (Qed naħdmu lkoll flimkien) iżda pprova sib dan il-kliem fl-istqarrija uffiċjali tal-Partit Laburista fuq il-websajt tagħhom jew fir-rapport li deher f'*l-orizzont*, u tibqa' tfittex għal xejn. Tgħid għax jibżgħu li lanqas il-Laburisti stess ma jemmnuh?

Għax ngħiduha kif inhi, l-istess Laburisti li ta' kull ġimgħa jaqraw f'*l-orizzont* dak li jiktbu tas-CNI dwar l-Unjoni Ewropea mhux faċli tikkonvinċihom li fil-Partit Laburista kulħadd jiġbed ħabel wieħed. U l-istess irrid ngħid għal Alfred Sant, li ma jitlifx okkażjoni biex jikkritika l-UE u s-sħubija tagħna, kif ukoll l-ewro u l-adozzjoni tagħha bħala l-munita tagħna.

Fl-aħħar mill-aħħar Alfred Sant għadu qatt ma qal li l-PL kien żbaljat dwar is-sħubija ta' Malta fl-UE jew li l-poplu Malti kien approva b'maġġoranza din is-sħubija f'referendum. Joseph Muscat jista' jinjora dawn il-fatti, iżda b'daqshekk mhux se jisparixxu għax hu jgħid il-kuntrarju.



Muscat kien ikun lest jieħu riskji kbar bl-ekonomija ta' Malta li kienu jwassluna għal Iżlanda jew Greċja oħra?

Muscat tkellem dwar l-għaqda fil-PL meta Malta kollha taf bil-firdiet serji li hemm fih dwar it-tmexxija tal-Kunsilli, dwar it-tmexxija tal-midja Laburista, dwar Anġlu Farrugia li hu mażżra m'għonq Joseph Muscat u dwar l-ebusija ta' rasu li ma jridx isewwi dak li ilu ħażin għal snin sħaħ fil-PL. Qed nirreferi għall-każini Laburisti li jew huma proprjetà tal-Gvern jew tal-privat. Meta Joseph jipproklama li l-PL magħqud u qed jaġixxi b'unità sħiħa, ikun qed jikkonferma wkoll li l-ħażin fil-PL għandu l-appoġġ tal-partit kollu. U jiġri x'jiġri mhu se jagħmel xejn biex jirranġa s-sitwazzjoni skont ma titlob il-ġustizzja soċjali.

Joseph Muscat għamel stqarrija oħra nhar il-Ħadd. F'kumment dwar dak li qal Tonio Fenech f'intervista lis-*Sunday Times* dwar l-ekonomija u l-weġgħa fl-aħħar elezzjoni li l-PN kellu l-ħsieb li jnaqqas l-*income tax*, Muscat wera kemm hu superfiċjali. Qal li mill-aħħar elezzjoni 'l hawn, l-ebda ċirkustanza ma nbidlet ħlief li l-elezzjoni għaddiet. Temmnuh dan? Id-dinja kollha kienet waslet f'xifer l-irdum, banek kbar fallew għal kollox, ekonomiji sodi bħal dik tal-Irlanda kkrollaw, gvernijiet waslu biex ġew daħarhom mal-ħajt u waslu biex ma kellhomx biżżejjed biex iħallsu lura s-self sovran u waslu biex kellhom jiġu megħjuna minn pajjiżi oħra, inkluża Malta, u Muscat jgħid li l-ebda ċirkustanza ma nbidlet mill-2008 'l hawn.

Trid tkun tassew banali fi ħsibijietek biex tirraġuna b'dan il-mod. Min se jemmnu lil Muscat? Imbagħad biex tagħqad qal ukoll li Gonzi ma jifhimx fl-ekonomija. Araw daqsxejn min irid jitkellem.

Din hi problema serja għall-poplu Malti u Għawdxi. Għax jekk Muscat illum frisk bħal hassa, qal dak li qal, għandu jinkwieta lil kull min irid li Malta tibqa' miexja fit-triq ta' investimenti kbar minn barra u minn ġewwa.

Jiġifieri li Muscat kien ikun lest jieħu riskji kbar bl-ekonomija ta' Malta li kienu jwassluna għal Iżlanda jew Greċja oħra. Il-Gvern ta' Gonzi mhux se jieħu riskji. Meta ssir weġgħda qabel elezzjoni, l-interess nazzjonali jitlob li din il-weġgħda tkun suġġetta wkoll għaċ-ċirkustanzi li l-ekonomija ssib ruħha fihom. Basta lill-poplu tfiehmu u mhux tipprova tidħak bih, kif qed jagħmel Muscat.

Illum ġejna f'sitwazzjoni kif qal Lawrence Gonzi nhar il-Ħadd li għadda, li għandna Kap tal-Oppożizzjoni li jaġixxi bħal pinnur li jdur kif jaqbillu biex jikseb il-voti. Hekk kien ġara fl-1996. Tiftakru x'ġara? Ara ma tmorrux tinsew!

# X'jiġifieri bla kruċjati?

Jiġifieri jitkellmu biss is-saċerdoti li jaqblu mad-divorzju u pubblikament hadd ma jghidilhom xejn? Jiġifieri min irid id-divorzju jikkapparra kull rokna ta' kull ġurnal u ta' kull programm u hadd ma jwieġeb xejn? Jiġifieri kampanji, aġendi u strateġiji jista' jaghmilhom min hu favur id-divorzju u min hu kontra xejn? Jiġifieri qisu l-Knisja m'ghandhiex taghlim ċar hafna fuq id-divorzju jew li nahsbu li kulhadd jafu u allura ma nsemmuh kważi qatt? Jiġifieri ma jsir xejn minn hadd biex jiġu bilanċjati l-opinjonijiet li wrew xi saċerdoti influwenti favur id-divorzju bit-tama falza li n-nies kapaċi taghmel ġudizzju? Jiġifieri xi hadd jghid li Ġesù kien favur id-divorzju imma l-Knisja hi kontra u pubblikament ma jiġix merut uffiċjalment?

Jiġifieri nhallu lil min jahseb li t-taghlim soċjali tal-Vanġelu u allura tal-Knisja hu ta' żvantaġġ soċjali ghan-Nisrani? Ghax jekk insostnu li n-Nisrani ma jistax jiddivorzja, imma d-divorzju jaqbel lis-soċjetà, mhux hekk inkunu qed nghidu? Ma nistghux nghidu li ċ-ċifri huma favur il-Vanġelu u l-Knisja, ghax id-divorzju jkabbar il-konfużjoni soċjali? U min se jghidhom dawn l-affarijiet? Meta se jinghadu dawn l-affarijiet? Diġà tard hafna. Hawn hafna Nsara Maltin demoralizzati ghax min messu jitkellem ċar u tond u b'sahha (mhux b'sahna) mhux jitkellem. Mhux sew. Hadd ma jrid ġlied u inkwiet bla bżonn. Id-diskussjoni ċivili dwar id-divorzju m'ghandhiex tidhol fl-argument reliġjuż. Imma l-Insara, barra mill-argumenti taċ-ċifri, ghandhom dritt jisimghu anke l-argumenti tal-fidi fuq iż-żwieġ u d-divorzju. Hadd m'ghandu dritt iwaqqaf lil min ghandu dmir idawwal lill-Insara u jikkonvinċihom anke bl-argumenti tal-fidi.

Naghmel appell minn qalbi lil min ghandu t-tmexxija tal-poplu ta' Alla f'pajjiżna biex bil-hlewwa u bil-karità kollha, imma ċar u bla tlaqliq, iwasslilna d-dawl li ġie maghżul biex jaghtina. U naghmel appell lil huti l-lajċi biex jiehdu l-inizjattiva u jiktbu bis-sens fil-ġurnali kollha, l-iktar f'dawk li huma influwenti hafna. Id-dmir tax-xhieda ghall-verità qieghed fuq l-Insara kollha. Mhix raġuni biex tiskot int ghax ikun baqa' sieket min hu ikbar minnek. Jekk nitilfu l-familja Maltija se nkunu tifnieha lkoll darba ghal dejjem. Wasal iż-żmien li nqumu min-nghas taghna. L-ghajnuna taghna f'isem il-Mulej

**Joe Cassar,** Il-Fgura

## L-ittri f'din il-paġna

L-ittri ghall-pubblikazzjoni f'din il-paġna jistghu jintbaghtu bil-posta (Ittri lill-Editur, *In-Nazzjon,* Triq Herbert Ganado, il-Hamrun PTA 1450), bil-fax (numru 2124 2886 — Attn. Michael Caruana) jew fl-indirizz elettroniku: ittrinazzjon@media.link.com.mt.

L-ittri jridu jkunu akkumpanjati bl-isem u l-indirizz shah ta' min jibghathom u ma jridux ikunu itwal minn 300 kelma.

Ittri bin-*nome-de-plume* ma jkunux ippubblikati u l-Editur iżomm id-dritt li jirrifjuta li jippubblika kull ittra li jirċievi u li jqassar kull ittra, basta jżomm il-punt taghha.




# Gideb Soċjalista

Hu evidenti li l-avversarji politiċi tal-Partit Nazzjonalista ghażlu li jaghmlu kampanja ta' gideb ripetut *ad nauseam* ghax huma konvinti li xi haġa tehel ma' mohh il-poplu.

Il-Partit Nazzjonalista jaghmel tajjeb hafna li jwieġeb minnufih ghal dan il-gideb imma jrid ihabrek iżjed biex lehen il-Partit jasal ghand il-poplu, inkella l-gideb jitwemmen.

Sadattant ejjew nikkargaw ruhna ghall-festi tal-Indipendenza Fuq il-Fosos tal-Furjana f'Settembru li ġej. Is-sezzjonijiet kollha tal-Partit ghandhom jaghmlu hilithom kollha biex jaraw li jipperswadu lin-nies tattendi dawn l-attivitajiet, speċjalment il-*mass meeting* li fih ikellimna l-Prim Ministru mahbub taghna Lawrence Gonzi.

B'hekk nuru wkoll l-apprezzament taghna ghal dak kollu li qed jaghmel il-Gvern Nazzjonalista.

**G.L. Camilleri**
Il-Furjana

# The Buzz

Ma nafx ghax bl-Ingliż (mhux biss l-isem iżda anki l-kontenut!) imma hekk jisimha l-pubblikazzjoni li bdiet tohroġ l-Iskola tal-Mużika f'Ta' Sannat u li titqassam b'xejn lil min jitlobha. Tohroġ tliet darbiet fis-sena u ghandha bhala editur lil Marita Buttiġieġ.

Interessanti u tolqot dirett lil min ihobb il-mużika. Skont l-ewwel harġa li kienet fl-idejn f'Diċembru 2009, f'din l-iskola nsibu 29 student jistudjaw il-pjanu, 46 il-vjolin, tmienja l-vjolinċell, erbgha l-klarinett, 32 il-kitarra, sitta s-*saxophone*, 29 id-*drum kit* u sitta l-vuċi. L-iskop ta' din ir-rivista żghira (ghadha fil-bidu) hu li sservi ta' rabta bejn l-istudenti, il-ġenituri taghhom u l-iskola. Jidher li diversi ghalliema jiktbu regularment f'din il-pubblikazzjoni fosthom Antoine Theuma, l-ahwa Colin u Stephen Attard, Joseph Debrincat, Dun Ġorġ Frendo, Rob Ricards u ohrajn.

Stephen Attard jidher li ha l-inkarigu li jintervista lil xi persunaġġi fil-qasam mużikali bhalma kienu s'issa Joseph Vella, Mariella Cassar u John Galea waqt li Rob Ricards s'issa tana l-profili ta' Marouska Attard, Colin Attard u Joy Frendo li hi l-Kap tal-Iskola. Iżda jonqos materjal iehor ta' interess. Min hu interessat li jikseb il-*back numbers* (3) li harġu s'issa u jixtieq ikompli jirċeviha, jista' jikkuntattja lill-Editur Eżekuttiv Stephen Attard billi jċempillu 2155 4162 jew jibghatlu email f'dan l-indirizz: *gozo.music.sch@gov.mt.*

Min-naha taghna ma jibqghalna xejn ghajr li nifirhu lill-iskola ghal din l-inizjattiva u nawgurawlha waqt li nistaqsu hemmx possibbiltà li parti mill-pubblikazzjoni tkun bil-Malti!

**Joe M. Attard,**
Ir-Rabat t'Ghawdex



minn **Tonio Galea** u **Richie Cassar** – foreign@media.link.com.mt

IT-TRAĠEDJA TAL-AJRU FIL-PAKISTAN

# Ix-xita ttellef l-irkuprar tal-vittmi

Ħalbiet tax-xita qawwija waqt l-istaġun tal-*monsoon* qed itellfu l-ħidma tal-awtoritajiet biex jelevaw il-vittmi tal-ajruplan Pakistani li ġġarraf jumejn ilu barra Islamabad.

F'din it-traġedja tilfu ħajjithom il-152 persuna li kienu fuq l-*Airbus 321* li niżel qalb l-għoljiet fil-limiti tal-kapitali waqt titjira mill-belt ta' Karachi.

Intant, il-maltemp attwali u l-kundizzjonijiet taċ-ċpar qed jiġu kkunsidrati bħala l-aktar raġunijiet "kredibbli" għall-agħar inċident tal-ajru li qatt seħħ fil-Pakistan, bil-Gvern f'Islamabad jiddikjara l-ġurnata tal-bieraħ bħala jum ta' luttu nazzjonali.

Sal-ħin li morna għall-istampa, l-iskwadri għall-emerġenzi ma kinux f'pożizzjoni li jkomplu jelevaw il-katavri tal-vittmi mill-għoljiet fejn tiddomina l-foresta.

Dan għaliex ix-xita qawwija baqgħet tikkumplika l-impenji inkwistjoni f'territorju "diffikultuż għall-aħħar" anki waqt li l-investigaturi għadhom qed jevalwaw x'wassal "eżatt" għat-tiġrif tal-ajruplan.

L-ilma tax-xita fl-inħawi tista' ġġorr il-provi importanti li jistgħu jgħinu din l-investigazzjoni; bl-awtoritajiet jaqblu li "l-ħin hu prezzjuż ħafna" għall-impenn biex jixħtu d-dawl fuq il-konsegwenzi tat-traġedja.

L-iskwadri tal-emerġenza s'issa sabu mal-120 vittma qalb l-għoljiet, bil-qraba tagħhom qed jidentifikaw il-fdalijiet tal-għeżież fi sptar ewlieni ta' Islamabad.

IS-SOMALJA

## Pirati Somali jeħilsu vapur irreġistrat Malta

Vapur li jbaħħar taħt bandiera ta' Malta nħeles minn pirati Somali erba' xhur wara li nħataf; b'rapporti jgħidu li l-membri kollha (21) tal-ekwipaġġ jinsabu "qawwijin u sħaħ".

Il-*Frigia* –- vapur Tork għall-ġarr tal-merkanzija -– spiċċa f'idejn il-pirati Somali, fit-23 ta' Marzu, kien qed ibaħħar 'l hinn mill-kosta Indjana.

L-ekwipaġġ tal-*Frigia* hu magħmul minn dsatax-il Tork u żewġ Ukrajni, bl-aħħar rapporti jsostnu li l-vapur inħeles kmieni lbieraħ, fejn ma tilifx iż-żmien biex ibaħħar fid-direzzjoni ta' frejgata Torka li kienet qed tistenna 'l barra mill-kosta Somala.

Minn hemmhekk, il-*Frigia* kellha taqbad direzzjoni lejn il-port ta' Salalah fl-Oman.

Avukat li jirrappreżenta lis-sidien tal-vapur esprima sodisfazzjon dwar "l-aħħar żviluppi" kif ukoll "għall-fatt li l-membri tal-ekwipaġġ jinsabu tajbin wara l-esperjenza tagħhom".

L-INDJA

# Cameron jiddefendi l-kummenti dwar il-Pakistan

Il-Prim Ministru Brittaniku David Cameron iddefenda l-kummenti li għadda dwar ir-rekord tal-Pakistan fl-impenji kontra t-terroriżmu fejn sostna l-importanza "li wieħed ma joqgħodx idur mal-lewża".

Cameron, li lbieraħ kien qed jibda żjara fl-Indja, semma l-ħtieġa li l-Pakistan "jurі aktar progress" fil-ħidma għat-trażżin tat-terroriżmu.

Dan wara li l-PM Brittaniku, nhar l-Erbgħa, ħareġ b'kummenti li qanqlu akkużi fis-sens li "kliemu servew ta' ħsara għall-prospetti ta' paċi reġjonali".

Qabel iltaqa mal-Prim Ministru Indjan Manmohan Singh fi New Delhi Cameron kien mistoqsi dwar it-twissija li għamel lill-Pakistan rigward "it-tkattir tat-terrur lejn il-bnadi rispettivi".

Cameron anki qal li ma tistax tiġi ttollerata sitwazzjoni fejn il-Pakistan jilgħab il-logħba doppja, waqt li tenna mal-BBC li hu importanti li wieħed jitkellem biċ-ċar dwar kif ikun qed jara l-problemi.

Il-Prim Ministru tar-Renju Unit fl-istess ħin saħaq li l-Pakistan wettaq progress fil-kaċċa għall-militanti u t-terroristi f'artu meta t-talin mhux talli qed jheddu l-interessi tal-Pakistan iżda anki l-interessi tar-reġjun kollu.

Madankollu Cameron insista li l-Pakistan irid jagħmel aktar minn hekk meta mhux aċċettabbli li jkollu l-persuni fi ħdanu li qed jappoġġjaw l-entitajiet terroristiċi.

Ir-rimarki segwew l-informazzjoni minn dokumenti Amerikani li ħarġet fuq il-websajt u fejn ingħad li s-servizzi sigrieti tal-Pakistan spiċċaw akkużati b'li qed jagħtu l-għajnuna sigrieta lill-militanti tat-Taliban.

Min-naħa tiegħu, il-Kummissarju Għoli tal-Pakistan għar-Renju Unit, Wajid Shamsul Hasan, ikkritika lil Cameron talli "għażel biex jemmen" l-informazzjoni partikolari, li fi kliem Hassan hi nieqsa mill-kredibbiltà.

Il-Kummissarju Pakistani kiteb f'*The Guardian* li "wieħed kien qed jittama li (Cameron) jikkunsidra r-rwol kbir tal-Pakistan fil-gwerra kontra t-terroriżmu u s-sagrifiċċji tal-pajjiż wara l-attakki terroristiċi tal-2001 kontra l-Istati Uniti."

Fi żviluppi oħra, ilbieraħ, il-President tal-Afganistan Hamid Karzai kkuntesta r-'rieda' tal-Alleati tal-Punent biex jattakkaw il-bażijiet tal-militanti fil-Pakistan — ladarba wieħed iqis "il-provi qawwija" tal-appoġġ minn Islamabad għat-Talibani.

"Il-gwerra kontra t-terroriżmu ma ssirx fil-villaġġi tal-Afganistan iżda kontra l-postijiet li jipprovdu kenn, finanzi u taħriġ lit-terroristi u li jinsabu barra l-Afganistan," sostna Karzai waqt konferenza tal-aħbarijiet f'Kabul.

L-ITALJA

# Ma jridx il-paċi ma' Fini

Il-Prim Ministru Taljan Silvio Berlusconi ma aċċettax l-offerta 'ta' paċi' mingħand ir-rivali tal-partit Gianfranco Fini biex b'hekk żdied il-potenzjal għal konfront deċiżiv bejn dawn il-protagonisti tal-Gvern taċ-ċentru-lemin.

L-ostilità bejn il-PM u Fini, eks alleat li għen iwaqqaf il-Partit *Popolo della Libertà* li jmexxi Berlusconi, ilha x-xhur titfa' dell fuq il-politika Taljana minbarra li kkumplikat l-isforzi biex il-pajjiż jgħaddi l-baġit tal-awsterità għat-tisħiħ tal-finanzi pubbliċi.

Intant, Fini, li fil-preżent hu l-i*Speaker* tal-kamra t'isfel tal-Parlament Taljan, qal lill-gazzetta *Il Foglio* li kien lest biex jilħaq ftehim ma' Berlusconi bl-iskop li jtemmu din ir-rivalità taħraq.

Fini sostna li "hu u Berlusconi m'għandhomx għalfejn jidħru li huma ħbieb iżda fl-istess ħin jeħtieġu jonoraw l-impenn politiku lill-elettorat."

Madankollu, il-gazzetti Taljani rrappurtaw li Berlusconi ltaqa' mal-alleati ewlenin tal-*Popolo* u ddeċieda li l-offerta ta' Fini (li jikkontrolla mal-ħamsin vot fil-Parlament) waslet tard wisq.

Fil-fatt, il-gazzetta *La Repubblica* ħarġet b'titlu li "Berlusconi hu lest biex ikeċċi lil Fini", bil-Prim Ministru Taljan tard ilbieraħ ilaqqa' l-kapijiet ewlenin tal-partit tiegħu wara "l-proċedura finali" fejn il-pakkett għall-awsterità (ekwivalenti għal 25 biljun ewro) li ressaq il-Gvern għadda mill-Parlament.

Kien proprju f'din il-laqgħa li kellha tgħaddi l-mozzjoni biex tiċċensura lil Gianfranco Fini; b'firda kkonfermata bejn il-kampijiet rivali fi ħdan il-*Popolo della Libertà* kapaċi twassal għal elezzjonijiet bikrija fl-Italja.

**Energy allowance lill-familji**

**97% tal-familji**

qed jirċievu energy allowance jew energy voucher.
Bħalissa qed jitqassmu ċ-ċekkijiet tal-energy allowance, lill-familji li ma kkunsmawx aktar minn 10,000 unit ta' elettriku u li ma jirċevux energy voucher.

| Daqs tal-Familja | Allowance b'ċekk li ser jirċievu l-familji |
|---|---|
| Persuna waħda | €55 |
| 2 Persuni | €80 |
| 3 Persuni | €105 |
| 4 Persuni | €130 |
| 5 Persuni | €155 |
| 6 Persuni | €180 |

Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment

Għal aktar informazzjoni, ċempel 188 mit-Tnejn sal-Ħadd 8.00am – 5.00pm.

IL-GREĊJA

# Inkwiet u protesti f'Ateni

**Il-Pulizija Griega lbieraħ sparat il-gass tad-dmugħ biex tferrex mijiet ta' sewwieqa tat-trakkijiet li kienu qed jipprotestaw f'Ateni u li ma ridux jirrispettaw direttiva ta' emerġenza min-naħa tal-Gvern biex itemmu strajk attwali.**

L-azzjoni tas-sewwieqa — li pparalizzat il-Greċja — issa daħlet fil-ħames jum tagħha u fost oħrajn wasslet biex numru sostanzjali ta' turisti jħassru l-btajjel tagħhom. Intant, l-istazzjonijiet tal-petrol fil-Greċja huma nieqsa mill-*fuel*, bis-sitwazzjoni m'għandhiex tinbidel "għalissa".

Il-protesti tal-bieraħ ikkonċentraw fl-inħawi quddiem il-Ministeru tat-Trasport, fejn is-sewwieqa ppruvaw jixxabbtu mal-gradi u jidħlu fl-artijiet tal-kumpless.

Korrispondenti qalu li s-sewwieqa huma ferm irrabjati għall-Gvern tal-Prim Ministru Soċjalista George Papandreou u jinsistu biex jingħataw kumpens għar-riformi intiżi biex jilliberalizzaw is-settur għall-ġarr ta' merkanzija.

Is-sewwieqa huma anki urtati dwar "spejjeż għal-liċenzji l-ġodda li mhumiex xierqa" u li jgħidu huma anqas sew milli kellhom iħallsu l-operaturi attwali.

L-aħħar rapporti minn Ateni rreferew għal trakkijiet abbandunati bi sriebet ta' vetturi jiffurmaw barra l-ftit garaxxijiet li ma għalqux. Is-sitwazzjoni wasslet ukoll biex xi fabbriki jagħtu s-sensji lil ħaddiema.



ATENI: Sewwieq ta' trakk jisfida lill-pulizija għal kontra l-irvellijiet li qed jgħassu l-bini tal-Ministeru għat-Trasport (Reuters)

Il-Gvern ta' Papandreou wża digriet ta' emerġenza rari biex iġiegħel lis-sewwieqa tat-trakkijiet jirritornaw għax-xogħol; b'din il-miżura s-soltu tkun riservata għal żminijiet ta' xi gwerra jew diżastru naturali. Id-direttiva ngħatat sigħat wara li fallew negozjati bejn il-Gvern u s-sewwieqa.

L-Amministrazzjoni Soċjalista Griega trid li s-settur għall-ġarr tal-merkanzija jiftaħ għal aktar kompetizzjoni bħala parti mill-miżuri tal-awsterità li l-Greċja qablet li timplimenta skont il-ftehim mal-Unjoni Ewropea u l-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF).

Sadattant, l-industrija tat-turiżmu fil-Greċja saħqet li qed "tbati l-effetti" ta' din l-azzjoni industrijali, fejn jispikkaw it-tnaqqis tal-*bookings* u l-fatt li ħafna turisti ddeċidew li jħassru l-vaganzi fil-pajjiż.

IL-ĠERMANJA

# Akkużat bi qtil tal-Lhud

Prosekuturi fil-belt ta' Dortmund akkużaw raġel suspettat bħala eks gwardjan f'kamp tal-mewt Nażista dwar sehem fil-qtil ta' 430,000 Lhud u talli "qatel personalment" lil għaxra oħra b'tiri ta' arma.

L-akkużi fil-konfront ta' Samuel Kunz, li għandu 88 sena, jittrattaw l-aġir tiegħu bħala 'strument' tal-Olokawst, bejn Jannar tal-1942 u Lulju tal-1943, u meta dan kien iservi fil-kamp ta' Belzec, qrib il-belt Pollakka ta' Lublin.

Kunz anki jrid iwieġeb għall-isparaturi inkwistjoni fejn hu akkużat li qatel lill-għaxar Lhud f'żewġ inċidenti separati.

Peress li Kunz kien għadu taħt il-21 sena fil-bidu tal-perjodu taħt investigazzjoni, il-ġuri x'aktarx li jinżamm f'awla tal-qorti ta' Bonn, fejn jiġu pproċessati ż-żgħażagħ. Ma ġietx iffissata data speċifika għall-proċess.

Il-każ ta' Kunz kiseb prominenza waqt l-investigazzjonijiet irrelattati għal John Demjanjuk, imwieled l-Ukrajna u eks gwardjan Nażista ieħor, li l-proċess tiegħu beda jinstema' s-sena l-oħra fi Munich.

Demjanjuk hu akkużat li għen fil-qtil ta' 28,000 Lhud fl-Olokawst u l-istorja ta' Samuel Kunz hi ftit jew wisq simili għal tiegħu.

Fil-fatt, Kunz twieled f'art li maż-żmien iffurmat parti mill-eks Unjoni Sovjetika u fit-Tieni Gwerra serva fl-Armata l-Ħamra Russa sakemm inqabad mill-Ġermaniżi u ddeċieda li jsir gwardjan f'kamp tal-mewt

Samuel Kunz hu t-"tielet l-aktar Nażista prominenti" fuq il-lista tas-*Simon Wiesenthal Center* li hu impenjat biex issir il-ġustizzja mal-kriminali tal-gwerra Nażista.

FRANZA

# Tammetti li qatlet lit-tmien uliedha mat-twelid

Omm ta' 47 sena ammettiet li qatlet lit-tmint itrabi tagħha ftit wara li welldithom u li ħbiet il-katavri ċkejknin fil-villaġġ ta' Villers-au-Tertre, lejn it-Tramuntana ta' Pariġi.

Dominique Cottrez u żewġha spiċċaw arrestati tlett ijiem ilu wara li l-katavri taċ-ċkejknin instabu mgeżwrin ġo boroż tal-plastik.

Fil-fatt, it-trabi, li mietu fgati, ġew elevati nhar it-Tlieta minn żewġt idjar fil-villaġġ; bl-omm għall-bidu tammetti dwar il-qtil ta' żewġt itrabi li kienu mwielda daqs għaxar snin ilu qabel, imbagħad, ammettiet ukoll (waqt li taħt arrest) għall-omiċidju tas-sitta l-oħra.

Bħalissa Cottrez, li ħadmet bħala infermiera awżiljara, tinsab taħt investigazzjoni formali fil-fażi inizjali qabel jitressqulha akkużi kriminali.

Intant, prosekutur pubbliku qal li l-omm "kienet taf bit-tqala iżda ma riditx li jkollha aktar tfal jew li jkunu involuti t-tobba". Hu kompla li l-ewwel darba li din il-mara ħarġet tqila kienet "esperjenza terribbli għaliha" u bħalissa Cottrez għaddejja minn testijiet psikoloġiċi biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jevalwaw l-element tar-responsabbiltà kriminali.

Ir-raġel tal-omm, li jaħdem bħala mastrudaxxa u li jservi fuq il-kunsill lokali ta' Villers-au-Tertre — ukoll għamel żmien taħt investigazzjoni b'konnessjoni mal-każ iżda mbagħad inħeles mill-pulizija.

Mifhum li l-pulizija huma konvinti li Cottrez ma infurmat qatt lil żewġha bil-każi meta ħarġet tqila, inkella rigward id-deċiżjonijiet li ħadet biex toqtol lil uliedha.

Meta ġew intervistati l-ġirien tal-koppja, dawn sostnew li l-omm u r-raġel (li għandhom żewġ ulied adulti) qatt ma aġixxew b'mod suspettuż.

Fil-fatt, l-iskoperta makabra saret magħrufa biss riċentement u wara li l-koppja inkwistjoni kienet marret tgħix ġo dar ġdida.

IR-RENJU UNIT

# Se tneħħi ż-żmien iffissat għall-irtirar

Ir-Renju Unit ħabbret pjani biex mis-sena d-dieħla xxolji ż-żmien iffissat għall-irtirar mix-xogħol. Dan qed isir biex in-nies jingħataw l-opportunità li jkomplu jaħdmu anki wara li jkunu għalqu l-65 sena.

Fil-preżent, l-azjendi li jħaddmu jistgħu jġiegħlu l-ħaddiema jirtiraw malli jagħlqu l-65 sena, irrispettivament miċ-ċirkostanzi tat-talin. Dan il-proċess stabbilit ifisser ukoll li l-azjendi mhumiex kostretti biex iħallsu xi kumpens finanzjarju.

Intant, taħt il-proposti tal-Gvern li għad iridu jgħaddu minn konsultazzjoni, l-età għall-irtirar stabbilita għandha tibda "titwarrab", gradwalment, minn April li ġej, bis-sistema attwali tispiċċa f'Ottubru tas-sena d-dieħla.

Il-Ministri Brittaniċi jispjegaw li dan il-pass jaħseb biex jagħti għażla akbar lin-nies li llum qed jgħixu aktar minbarra li jgawdu s-saħħa fit-tul.

Madankollu, il-kapijiet tal-kummerċ u xi industrijalisti wissew li l-istess miżura għandha toħloq il-problemi serji 'l quddiem.

Ir-Renju Unit jeħtieġ li jaqta' l-infiq pubbliku biex jindirizza żbilanċ rekord u l-pass li jgħin lit-tali jibqa' jaħdem wara l-65 sena għandu jaċċerta li dan anki jkompli jħallas it-taxxa għal aktar żmien milli oriġinarjament previst.

Il-proposti inkwistjoni anki se jinkludu evalwazzjoni ta' meta l-età għall-pensjoni tal-Istat għandha tiżdied sa 66 sena u biex jerġa' jkun hemm 'relazzjoni' bejn dak li jdaħħal l-individwu u l-pensjoni bażika tal-Istat.



# Wirjiet fil-Belt minn pittur Sqalli

Artist Sqalli, Lorenzo Maria Bottari, f'dawn il-jiem qed ikun fi Pjazza Reġina, il-Belt Valletta, ghal sessjonijiet ta' pittura. Dan l-avveniment huwa parti minn numru ta' inizjattivi organizzati mill-Premier biex jerġghu jqajmu l-ambjent kulturali u soċjali fil-kapitali.

Lorenzo Bottari se jispira ruhu mill-ambjent uniku ta' madwar Pjazza Reġina fil-Belt ghal hamest ijiem wara nofsinhar meta se jkun qed ipitter fil-Premier. Qed tittella' wirja tal-kollezzjoni ta' pitturi tieghu fil-Premier stess kif ukoll fl-Istitut tal-Kultura Taljan fil-Belt. Dan l-avveniment qed jiġi organizzat flimkien ma' ArtConnect u Zodiaco Art Gallery fi Sqallija.

Lorenzo Bottari hu maghruf ghall-kuluri li juża biex johloq il-pitturi tieghu. Jispira ruhu mill-pajjiżi differenti filwaqt li jpinġi dak li hu jipperċepixxi bhala r-realtà tieghu.

"Huwa ta' pjaċir ghalina li qed nospitaw artist maghruf hafna. Dan huwa wiehed min-numru ta' avvenimenti li qeghdin norganizzaw fil-Premier biex nerġghu nqajmu l-hajja fil-Belt - Pjazza *Live Sessions* kull nhar ta' Erbgha filghaxija ma' George Curmi, Il-Pusè, u l-*band* tieghu u kull nhar ta' Ġimgha filghaxija ma' Dominic Galea u l-*band* tieghu," qal Ivan C. Borg, *Operations Manager*.

Il-Premier qed joffri *parking* b'xejn fil-*car park* tal-MCP ghall-klijenti kollha li jonfqu €20 jew aktar ghandu. Din l-offerta hija valida ghall-ġranet tal-ġimgha wara s-siegha ta' wara nofsinhar u kuljum matul tmiem il-ġimgha.

Il-Premier joffri varjetà kbira ta' ikel fiċ-ċentru tal-Belt: *sushi*, *tapas*, laham u hut frisk kif ukoll helu u *menu à la carte*. L-ambjent maġiku ta' madwar il-Premier joffri post fejn tista' tirrilassa 'l boghod mill-istorbju taċ-ċentru kummerċjali tal-Belt. L-arkitettura toffri wkoll harsa lejn l-erbghinijiet u l-hamsinijiet meta Premier kien post popolari hafna ghall-mużika u d-divertiment, bil-loġoġ spettakolari li jharsu fuq Pjazza Reġina u l-Palazz tal-President.



Lorenzo Maria Bottari

## Fil-qosor

### Il-festa ta' San Gejtanu

Nhar il-Hadd 8 ta' Awwissu, il-Banda Ċittadina Sliema se tiehu sehem fil-festa ta' San Gejtanu fil-Hamrun. Ghall-habta tas-7 p.m. il-Banda Sliema tilqa' l-hruġ tal-istatwa ta' San Gejtanu bl-innu 'Xerrdu l-Ferh' ta' Mro. Muscat Azzopardi minn fuq il-planċier quddiem il-knisja.

Wara taghmel marċ brijuż tul Triq il-Kbira u lura ghal fuq il-planċier fejn tesegwixxi programm mużikali ta' siltiet klassiċi, vivaċi, kontempoarnji u *musicals* taht id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Ronnie Debattista FLCM.

Is-servizz jintemm bil-Banda Sliema tilqa' d-dhul tal-istatwa ta' San Gejtanu bl-innijiet popolari ta' Mro. Willie Attard u Mro. Joseph Abela Scolaro u fl-ahhar bl-innu 'Xerrdu l-Ferh'.

### Serata mużiko-letterarja

Fl-okkażjoni tal-mitt sena parroċċa arċimatriċi u 25 sena tal-knisja parrokkjali tal-Gudja, se ssir Serata Mużiko-Letterarja nhar it-Tlieta, 10 ta' Awwissu fit-8 p.m. fil-knisja arċimatriċi u arċipretali Santa Marija.

Din l-attività se ssir bis-sehem tal-Kor Assumpta Est taht il-patroċinju tal-President Emeritu Guido De Marco u s-Sinjura tieghu. Kulhadd huwa mistieden.

### Attività f'Reggio Calabria

Il-Banda San Ġorġ Martri ta' Hal Qormi ġiet mistiedna biex iddoqq f'Reggio Calabria bejn il-11 u l-14 ta' Settembru 2010.

Il-banda se tkun akkumpanjata min-numru sabih ta' partitarji. Kull min hu interessat jinghaqad ghal din il-ġita (bi prezz ta' €290) hu mheġġeġ jikkuntattja lil xi membru tal-kumitat.


STOCK TAL-GVERN

**MALTA GOVERNMENT STOCKS**

***Investiment Sod***

***Hruġ ta' €100,000,000***
***fil-Malta Government Stocks – B'Rata ta' Mgħax Fissa***
***(suġġett għal dritt li jiżdied l-ammont***
***li għandu jinġabar b'massimu ta' €50,000,000) u***
***Hruġ ta' €30,000,000***
***fil-Malta Government Stocks B'Rata ta' Mgħax li Tvarja***

L-applikazzjonijiet jiftħu t-Tnejn, 2 ta' Awwissu 2010 fit-8.30a.m. u jagħlqu fil-ħinijiet u d-dati kif hawn taħt, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni tal-*Accountant General*:

- fil-5.00p.m. l-Erbgħa 4 ta' Awwissu 2010 għall-applikazzjonijiet minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien li ma jeċċedux €100,000 kull persuna,
- f'nofsinhar il-Ġimgħa 6 ta' Awwissu 2010 għall-applikazzjonijiet li jkunu magħmulin f'offerti b'irkant.

**(i) MGS 3.75% (Is-Sitt Hruġ) – *Fungibility Issue***
**Li jimmatura fl-2015**
**bil-prezz ta' €102.50 b' *YTM* ta' 3.233%**
(li jġib rendiment ta' rata annwali ekwivalenti għal 3.259%), *u*

**(ii) MGS 5.25% (L-Ewwel Hruġ) – *Fungibility Issue***
**Li jimmatura fl-2030**
**bil-prezz ta' €100.00 b' *YTM* ta' 5.25%**
(li jġib rendiment ta' rata annwali ekwivalenti għal 5.318%)

**(iii) Il-valur ta' l-applikazzjonijiet għaż-żewġ *Stocks* imsemmija f' (i) u (ii), ikun b'valur nominali flimkien ta' €100,000,000**

**(iv) *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (VI)**
**b' Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt (6) xhur**

Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn u jiġu depożitati għand il-Membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri oħra awtorizzati ta' Servizzi ta' Investiment, fid-dati msemmija. Il-Prospett relattiv u l-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu wkoll minn fuq il-*website* tat-Teżor *www.treasury.gov.mt*. L-offerti fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti, it-Teżor, jew jintbagħtu fuq *fax* 25967210 jew permezz ta' *e-mail* fl-indirizzi ndikati fuq il-formoli tal-applikazzjoni.

GHAL INVESTIMENT SOD U LIKWIDITA' FEJN L-IMGHAX HUWA GGARANTIT UKOLL SA DAK IL-JUM LI L-*ISTOCKS* JINBIEGHU.

◆ SIGURTA' ◆ LIKWIDITA' ◆ IMGHAX KULL SITT XHUR ◆

(Il-valur tal-investiment jista' jitla' jew jinżel sa meta jimmatura)

**Dipartiment tat-Teżor, Triq il-Mall, Floriana, Malta.**

**www.treasury.gov.mt**

minn **Raymond Miceli** - ray.miceli@media.link.com.mt



Ludwig Galea intervistat għal dan il-programm

MUSIC MANIAC

# Kunċert mill-Malta's Music Week

NET Television 21:00

Naraw parti mill-kunċert li sar minn artisti Maltin bħala parti mill-*Malta's Music Week*. *Music Maniac* kien preżenti u staqsa li xi whud minn dawn l-artisti li kien hemm preżenti dwar x'jaħsbu minn dan il-kunċert, dwar il-*Malta's Music Week* u dwar l-*Isle of MTV*.

Naraw ukoll servizz dwar l-*Isle of MTV* li għal darb'oħra reġa' kien suċċess.

Tintwera intervista li l-programm għamel lit-tenur Malti semiklassiku Ludwig Galea.

Bħas-soltu tingħata wkoll ħarsa lejn il-kanzunetti li qed jokkupaw l-ewwel għaxar postijiet tal-klassifika Ewropea.

**• LA GRANDE ILLUSIONE** (La 7 14:05) **-** Film tal-gwerra Franċiż li nħadem fl-1937 b'reġija ta' Jean Renoir u li fost oħrajn għandu lill-atturi Jean Gabin u Erich von Stroheim (it-tnejn fir-ritratt taħt) li jqaxxru l-parti fdata f'idejhom. Naraw xi uffiċjali Franċiżi li fl-Ewwel Gwerra Dinjija jisfaw priġunieri tal-Ġermaniżi u jkunu trasferiti f'kastell fejn jirċievu trattament mhux tas-soltu...





**• TREDICI SOTTO UN TETTO** (Canale 5 15:45) **-** Film Ġermaniż tal-2009 li nħadem apposta għat-televiżjoni b'reġija ta' Josh Broecker. Leon ikun l-uniku wild ta' proprjetarju ta' fabbrika tal-porċellana. Missieru jkun għadu kif miet, iżda hu qatt ma wera l-iċken interess fin-negozju tal-familja. It-tmexxija fil-fatt tgħaddi f'idejn iz-ziju ta' Leon, Walter. Iżda meta Leon ikollu relazzjoni ta' mħabba ma' Marina, din tal-aħħar tkun determinata li tqabbad fih il-ħajra li jieħu n-negozju f'idejh, kif fil-fatt hu xieraq.

## FIL-QOSOR



**• ROCKNA** (Radio 101 Digital 19:00) **-** Il-grupp mistieden ta' Michael Bugeja għal-lum se jkun The Rifffs (fir-ritratt). Dan il-grupp beda lura fis-snin 80 u wara waqfa reġa' tfaċċa fix-xena lokali bil-kbir ftit tas-snin ilu permezz tal-album *Moonstop* u diversi suċċessi bħal *Life of Crime, Jack the Ripper* u *Magic of the Sun.*

**• KARLA E KATRINE AMICHE INSEPARABILI** (Canale 5 09:10) **-** Film Daniż tal-2009 li għandu bħala protagonisti lill-atturi Elena Arndt-Jensen u Nanna Finding Koppel, it-tnejn fir-ritratt. Naraw x'jiġri waqt sajf li dawn iż-żewġt iħbieb iqattgħu flimkien.



**• VUĊI MISSJUNARJA** (Radju Marija 21:00) **-** Il-protagonista fil-programm tal-lum hi Sr Marion Carabott (fir-ritratt) tal-Missionary Sisters of Our Lady of Africa, magħrufin aħjar bħala White Sisters. Tul firxa ta' 46 sena bħala missjunarja serviet, fost oħrajn fl-Etjopja u fir-Rwanda, fejn inzertat kienet fl-2002 meta seħħ ġenoċidju u f'anqas minn 100 jum inqatlu inqas minn miljun ruħ. Għal xi żmien kienet ukoll Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni tagħha.



Offerta speċjali għal
LOURDES
Mal- APAN
Mit-2 sas-7 ta' Awwissu
€409
- Titjira diretta għal Lourdes bit-taxxi inklużi
- Akkomodazzjoni full board għal 2/3/4 fil-Best Western Hotel Christina 3 star superior f'Lourdes
- Servizz ta' tour leader u direttur spiritwali
- Ibbukkja issa billi ċċempel lil Alfred Scerri – President APAN **Tel: 21243760/21657890/79051577**

ANTALYA
EuroTours
Mid-19 sas-26 ta' Awwissu
€824
pakkett sħiħ u full board
- Il-prezz jikkonsisti fit-titjira diretta għal Antalya bit-taxxi inklużi u akkomodazzjoni tripla f'lukanda 4 star BW Hotel Kahn, fiċ-ċentru tal-belt, half board fil-lukanda, l-eskursjonijiet kollha bl-ikel inkluż u Turkish Night show
- Jekk tagħżel li tieħu l-flights bit-taxxi inklużi, akkomodazzjoni Bed & Breakfast u t-transfers - **€565**

Malta
Mountbatten Street, Ħamrun
Gozo
26, Republic Street, Victoria
email:
info@eurotours.com.mt
Telephones:
25965555
21223295
21233193
Gozo Office:
21564452
www.eurotours.com.mt



| | |
|---|---|
| 06:00 | Tħabbils Moħħok.Com |
| 06:45 | Sports Round Up |
| 07:00 | Bulettin tal-Aħbarijiet |
| 07:20 | (ikompli) Tħabbils Moħħok.com |
| 07:40 | Analiżi tal-Gazzetti |
| 07:55 | Obituaries |
| 08:00 | Aħbarijiet |
| 08:05 | (ikompli) Tħabbils Moħħok.com |
| 10:00 | Aħbarijiet fil-Qosor |
| 10:05 | Frappe |
| 11:55 | Obituaries |
| 12:00 | Aħbarijiet |
| 12:30 | 101 FM |
| 13:30 | Stil Tiegħi |
| 15:00 | Hitsteria |
| 17:55 | Obituaries |
| 18:00 | Aħbarijiet /Sports |
| 18:30 | Qari Rumanz |
| 19:00 | Rockna |
| 21:00 | Rockfile 2 |



**Radju Malta**
**• 93.7 FM**

06:00 - L-Għodwa t-Tajba 07:00 - Aħbarijiet, 07:05 - (ikompli) L-Għodwa t-Tajba (jinkludi 07:30 Mill-Ġurnali Lokali, 07:58 Angelus, 08:00 Aħbarijiet fil-qosor, 08:05 Mill-Media Internazzjonali) 08:30 - Familja Waħda (jinkludi 09:00 BBC News, 10:00 Aħbarijiet fil-qosor, 11:00 BBC News) 11:50 - Avviżi ta' Mwiet u l-Angelus 11:58 - Xi Qrajt, Xi Smajt 12:00 - Newsline 12:45 - Radju.EU 13:00 - Ma' Natalie 13:30 - Qari tar-Rumanz 14:00 Aħbarijiet 14:05 - E M Live 15:50 - Ċama Ċama 16:00 - Aħbarijiet 16:05 - Drivetime (jinkludi 17:00 Aħbarijiet) 18:00 - Bulettin ta' l-Aħbarijiet 18:15 - Sehemna fl-Ewropa mill-MEUSAC 19:00 - Nwar 19:50 - Avviżi ta' Mwiet 20:00 - Aħbarijiet 20:05 - Qari tar-Rumanz (r) 20:30 - All Time Favourites 21:00 - BBC News 21:05 - Mill-Parlament 22:00 L-Aħbarijiet 22:05 - Xi qrajt, xi smajt 22:10 - Rużarju 22:30 - Nice 'N Easy 23:30 - Classic Hits.

**ONE Radio**
**• 92.7 FM**

06:00 - One Breakfast (jinkludi 06:45 One News, 07:00 Radju Sport, 07:30 Mill-Ġurnali, 08:45 One News, 09:00 Traffic News) 09:45 - One News 10:00 - Kartolina 11:00 - Dejjem Tiegħek Super One 11:45 - One News 12:00 - Regina Coeli 12:30 - Linja Diretta 13:45 - One News 14:00 - Mix Up Music 15:25 - Djarju Kulturali 15:30 - Drive Time 15:45 - Aħbarijiet fil-Qosor 16:00 - Jack… bini 17:00 - Rush Hour 17:45 - One News 18:10 - Bieb Bieb 18:15 - Mill-Parlament 18:45 - Djarju tal-Partit Laburista 19:00 - Aħbarijiet Sportivi 19:15 - One Weekend 19:45 - One News 20:15 - Collage 20:45 - Xalata Rock 21:45 - One News 22:05 - Fuq Ras il-Musmar 24:00 - Sentimentali Għalik.

**RTK**
**• 103 FM**

06:05 Hello 103 FM! (jinkludi 06:45 Paperscan, 07:00 Aħbarijiet, 07:55 Imwiet / Qari / Angelus, 08:00 BBC News) 09: 15 - Għalina Lkoll (jinkludi 10:00 BBC News, 11:00 Aħbarijiet fil-Qosor) 11:40 - Headlines 11:55 - Fi Ħdan il-Mulej 12:00 - RTK Bulettin 12:15 - Ġita jew Kull Numru Kapitlu 12:45 - Afternoon Favourites 15:00 - Aħbarijiet fil-Qosor 15:05 - Jgħidu Tagħhom iż-Żgħażagħ 16:00 - BBC News 16:05 - Il-Polz taċ-Ċittadin 16:40 - Headlines 17:00 - RTK Bulettin 17:15 - Bla Stressi u Interessi 18:00 RTK Qosor 18:05 - Nixtarr 18:55 - Fi Ħdan il-Mulej 19:00 - Kummentarju 19:05 - Rużarju 19:25 - Ir-rumanz Malti 19:40 - Mill-Platea 20:30 - Kull Numru Kapitlu Miftuħ 21:00 - Fil-Parlament… X'inhu għaddej? 22:00 - Rużarju 22:25 - Ripetizzjonijiet: Ir-Rumanz Malti, Nixtarr, impenn, cinemascope, Il-Konsumatur.

**Radju Marija**
**• 102.3 FM**

07:00 - Rużarju 07:30 - Quddiesa 08:00 - Angelus u Kuntatt 11:00 - Vanġelu Ħaj 12:00 - Angelus u Rużarju 12:30 - Rużarju l-Erwieħ 13:00 - Shalom 15:00 - Kurunella Ħniena Divina 15:30 - Il-Muftieħ tal-Għerf 16:00 - Kuntatt 17:15 - Bulettin ta' Aħbarijiet Reliġjużi 17:40 - Għasar 18:00 - Angelus u Rużarju 18:30 - Quddiesa 19:00 - Nixxiegħa Dumnikana 20:15 - Alla Għani fil-Ħniena 21:00 - Vuċi Missjunarja 22:00 - Aħbarijiet Reliġjużi 22:30 - Tagħlim u Twemmin Nisrani 23:30 - Rużarju.

**Campus FM**
**• 103.7 FM**

09:00 - Analiżi tal-ġurnali 09:20 - Foreign News / News on Campus 09:30 - Żagħżugħ ta' Dejjem 10:00 - BBC News Update 10:06 - Maltin Bħalna 11:00 - Classic FM 13:00 - Analiżi tal-Ġurnali 13:30 - Djaletti 14:00 - BBC News Hour 15:00 - Classic FM 19:00 – Men of Brass 21:00 - BBC World Service.

**Bay Radio**
**• 89.7 FM**

06:30 - Bay Breakfast with Drew (jinkludi 07:30 - Aħbarijiet, 08:30 u 09:30 - Aħbarijiet fil-qosor) 10:30 - Simon Pisani (jinkludi 11:30 - Aħbarijiet fil-qosor) 13:30 - Langy 15:30 - Drivetime with Nathan D 18:30 Aħbarijiet 18:45 - Bat Beats with Chris V 20:30 - The Party Zone - Malcolm B 22:30 - Movin' House - Miss Roberta.

**Bastjaniżi FM**
**• 95.0 FM**

06:30 - Rużarju 06:45 - Sbieħ il-Jum (jinkludi Angelus fit-8:00 u f'12:00) 13:00 - Ejjew Għandi 15:00 - Mid-Dinja tar-Rock 'n Roll 16:30 - Ħin ir-Rumanz Malti 17:00 - Melodiji mill-Passat 18:30 - LS Live 20:00 - Riflessi 22:15 - Rużarju.

**TVM**
**• melita 101**
**• GO Plus 101**

07:00 - L-Għodwa t-Tajba 07:30 - Iż-Żona 09:30 - Rise & Shine 11:30 - TVM Shop 12:00 - Aħbarijiet/ rapport tat-temp 12:05 - Deal or No Deal 13:00 - Għada Jisbaħ Ukoll 13:45 - Teleshopping 15:00 - Iż-Żona 16:50 - Teleshopping 17:15 - Science Sense 17:45 - Liquorish Update 18:00 - Aħbarijiet għal dawk Neqsin mis-Smigħ 18:05 - Saħħtek l-Ewwel 18:10 - Ta' Bundy 20:00 - L-Aħbarijiet 20:40 - Flimkien b'Suċċess 20:45 - Inspector Morse 22:30 - Paqpaq 23:00 - Aħbarijiet/ sports/ rapport tat-temp/ rapport finanzjarju 23:30 - Mhux għal Kulħadd - Anne Cattison.

**ONE**
**• melita 103**
**• GO Plus 103**

08:00 - ONE News 08:15 - Programmi għat-tfal 08:45 - Telebejgħ 09:45 - Lilliput 10:15 - Pink Panther 10:45 - Telebejgħ 11:00 - Londri 11:15 - Telebejgħ 12:00 - Better Living 12:50 - Issues 13:15 - Londri 13:30 - ONE News 13:45 - Lilliput 14:15 - Country Jamboree 15:45 - Telebejgħ 16:00 - Lilliput 16:30 - Id-Dura 17:00 - Konfini 17:30 - ONE News 17:35 - Teżori 17:45 - Celebrity Sundays 18:30 - Ieqaf 20 Minuta 19:00 - Londri 19:30 - ONE News 20:10 - Issues 20:30 - Inkontri 23:15 - One News.

**Smash**
**• melita 105**
**• GO Plus 106**

08:00 - Bonġu Malta 09:30 - Analiżi tal-Ġurnali 10:00 - Fil-Kċina ma' Farah 10:50 - Teleshopping 13:00 - Trend 14:00 - Qegħdin Sew 15:00 - Teleshopping 16:10 - Fil-Kċina ma' Farah (r) 17:10 - Erġa' Lura 18:10 - Mill-Ġurnali 18:40 - Teleshopping 19:00 - 7 News 19:30 - Ħabbejtek (New Born Christians) 20:30 - Tackle (sport) 21:30 - Soccer Legends 22:00 - 7 News (r) 22:20 - MFA Magazine 24:00 - Qegħdin Sew 01:30 - Ħabbejtek.

**Raiuno**
**• melita 150**
**• GO Plus 201**

06:45 - Unomattina estate (jinkludi Tg 1 fis-07.00 u fit-08.00) 10:40 - Verdetto finale 11:30 - Tg 1 11:45 - La Signora in giallo (TF) 13:30 - Tg 1 14:00 - Tg 1 economia 14:10 - Don Matteo 2 15:00 - Capri 16:50 - Tg Parlamento 17:00 - Tg 1 17:15 - Le sorelle McLeod (TF) 17:55 - Il commissario Rex 18:50 - Reazione a catena 20:00 - Tg 1 20:30 - Da da da (varjetà) 21:20 - Una notte per Caruso - Premio Caruso 2010 23:25 - Tg 1 23:30 - TV 7 00:30 - L'appuntamento 01:00 - Tg 1 notte 01:40 - Sottovoce.

**Raidue**
**• melita 151**
**• GO Plus 202**

07:00 - Cartoons 07:30 - Atletica leggera - Kampjonat Ewropej minn Barcellona 13:00 - Tg 2 giorno 13:30 - Tg 2 E…state con costume (attwalità) 13:50 - Tg 2 Eat Parade 14:00 - Ghost Whisperer (TF) 14:50 - Army wives (TF) 15:35 - Squadra Speciale Colonia 16:20 - La signora del west (TF) 17:10 - Las Vegas (TF) 17:50 - Cartoons 18:05 - Tg 2 flash 18:10 - Tg sport 18:30 - Tg 2 notizie 18:45 - Atletica leggera - Kampjonat Ewropej minn Barcellona 20:30 - Tg 2 21:05 - Atletica leggera - Kampjonat Ewropej minn Barcellona 22:10 - NCIS (TF) 23:45 - Tg 2 notizie 24:00 - Stile (attwalità) 00:35 - TG Parlamento 00:45 - E-Ring (TF) 01:45 - Stiamo bene insieme.

**Raitre**
**• melita 152**
**• GO Plus 203**

08:00 - La storia siamo noi 09:00 - Gli eroi del doppio gioco. Film '62 10:45 - Cominciamo bene estate 12:00 - Tg 3 sport 13:10 - Julia (soap) 14:00 - Tg regione 14:55 - Tg 3 flash 15:00 - La tv dei ragazzi di Raitre 16:00 - Melevisione 16:30 - Rai sport 17:15 - Kingdom (TF) 18:00 - Geo Magazine 2010 19:00 - Tg 3 20:00 - Blob 20:15 - Potere e passione - I Rheinbergs (soap) 21:05 - Tg 3 21:10 - Gli archivi della storia 23:15 - Tg 3 linea notte estate 23:55 - Sfide 00:55 - Rai Educational - Viva la crisi 01:25 - Myrai 01:35 - La valle chiusa. Film '95.

**Canale 5**
**• melita 154**
**• GO Plus 205**

08:00 - Tg 5 - mattina 08:40 - Il supermercato (sitcom) 09:10 - Karla e Kathrine amiche inseparabili. Film 2009 11:00 - Forum (attwalità) 13:00 - Tg 5 13:40 - Giffoni Experience 13:45 - Beautiful (soap) 14:10 - Centovetrine (soap) 14:45 - Alisa - segui il tuo cuore (soap) 15:45 - Tredici sotto un tetto. Film 2009 17:40 - Tg 5 17:45 - Dove sei? 18:50 - Uno contro 100 (kwiżż) 20:00 - Tg 5 20:30 - Velone 21:10 - L'amaore e altri luoghi impossibili. Film 2009 23:30 - Ale e Franz Show 01:30 - Tg 5 notte 02:00 - Velone.

**Rete 4**
**• melita 153**
**• GO Plus 206**

07:10 - Kojak (TF) 08:15 - T.J. Hooker (TF) 09:10 - Balko (TF) 10:30 - Agente Speciale Sue Thomas (TF) 11:30 - Tg 4 12:00 - Carabinieri (TF) 13:05 - Distretto di polizia (TF) 14:05 - Forum - il meglio di 15:35 - Sentieri 16:25 - Concorrenza sleale. Film 2001 18:55 - Tg 4 19:35 - Tempesta d'amore (soap) 20:30 - Renegade (TF) 21:10 - L'arte della guerra. Film 2000 23:40 - Un sogno troppo grande. Film 2006 01:30 - Tg 4 rassegna stampa 02:00 - Il toro. Film '94.

**Italia 1**
**• melita 155**
**• GO Plus 204**

07:30 - Valiant. Film 2004 09:10 - Cartoons 09:45 - Raven (TF) 10:20 - Summer Dreams (TF) 11:25 - Summer Crush (TF) 12:20 - Giffoni - il sogno continua 12:25 - Studio aperto 13:00 - Studio sport 13:40 - Camera café (sitcom) 14:05 - One Piece 14:35 - Cartoons 15:00 - H2O (TF) 15:30 - Champs 12 (soap) 16:30 - Blue Water High (TF) 17:00 - Chante! (TF) 17:30 - Capogiro Junior 18:30 - Studio aperto 19:00 - Studio sport 19:25 - Sport Mediaset web 19:30 - Tutti in famiglia (sitcom) 20:05 - Cartoons 20:30 - Mercante in fiera 21:10 - CSI (TF) 22:05 - Real CSI (TF) 00:55 - Poker1Mania 01:50 - Studio aperto.

**La 7**
**• melita 156**
**• GO Plus 207**

07:00 - Omnibus 09:15 - Omnibus Life Estate 10:00 - Omnibus (Ah)iproso 10:15 - Due minuti un libro 10:25 - Budapest: la città delle grotte (dok.) 11:30 - L'Ispettore Tibbs (TF) 12:30 - Tg La 7 12:55 - Sport 7 13:00 - Hardcastle & McCormick (TF) 14:05 - La grande illusione. Film '37 16:05 - Star Trek (TF) 18:00 Relic Hunter (TF) 19:00 - N.Y.P.D. (TF) 20:00 - Tg La 7 20:30 - In onda (attwalità) 21:10 - Vivo per miracolo (reality) 23:45 - La storia proibita del '68 (dok.) 00:45 - Tg La 7 01:10 - La corte di Alice (TF).

L'ARTE DELLA GUERRA

## Jitħabat biex juri li hu innoċenti



Rete 4 21:10

Neil Shaw (Wesley Snipes), li jkun jaħdem għan-Nazzjonijiet Uniti, ikun qed jiġi akkużat bil-qtil tal-Ambaxxatur Ċiniż. Ma tkunx biċċa xogħol faċli biex jipprova l-innoċenza tiegħu.

Fost l-atturi nsibu wkoll lil Anne Archer, Maur Chayki u Marie Matiko (din ta aħħar tidher fir-ritratt).

L-isem oriġinali ta' dan il-film li nħadem fl-2000 b'reġija ta' Christian Duguay hu *The Art of War*.

**Education 22**
**• melita 22 / 104**

08:00 – Ghanafest 2009 09:00 – 360 Degrees 09:30 – Int u Jien 10:00 – X-Lab 10:30 – Arti, Kultura u Wirt Storiku 11:00 – Ghas-Servizz Tieghek 11:30 – Mill-Kċina tan-Nanna 12:00 – KMS Sportlink 12:30 – Laboratorji 13:00 – 360 Degrees 13:30 – Statistika ghal Kulhadd 14:00 – Fil-Kura 'l-Fejqan 14:30 – English Link 15:00 – Tiżwieqa 15:30 – Down to Earth 16:00 – KMS Sportlink 16:30 – Laboratorji 17:00 – 360 Degrees 17:30 – Int u Jien 18:00 – Kif 18:30 – Nibdew mil-Lum 19:00 – Perspettiva 21:00 – Laboratorji 21:30 – Naturalment Taghna 22:00 – Ghas-Servizz tieghek 22:30 – KMS Sportlink.

**Favourite Channel**
**• melita 31/108**

07:00 – Dokumentarju 07:30 – Kemm taf? (r) 09:30- Analiżi tal-Ġurnali 10:30 – Malta's Top Model 11:30 - Vaganza 12:00 Link 12:15 – News 12:30 – Analiżi tal-Ġurnali (r) 13:30 – Tektiek 14:00 - Vespri 16:00 – D n D (r) 18:00 - Ashram 20:00 – Link 20:15 - Favourite News 20:45 – Health News 21:00 – Don't Stop Me Now 23:00 – Link 23:05 – Kont taf? 23:15 - Favourite News.

**Calypso Music TV**
**• GO Plus 107**

08:00 – Calypso Breakfast 11:00 – Top 5 12:30 – Euro Mark 15:45 – Famous 5 17:00 – Bingo 75 18:00 – Total Request 20:30 – Calypso Jams.

**BBC Entertainment**
**• melita 300**
**• GO Plus 301**

06:55 - Me Too! 07:15 - Telly Tales 07:25 - Tweenies 07:45 - Teletubbies 08:10 - Me Too! 08:30 - Mastermind 09:00 - Coast 10:00 - Last of the Summer Wine 11:00 - The Weakest Link 11:45 - East Enders 12:15 - Doctors 12:45 - Mastermind 13:15 - Coast 14:15 - Last of the Summer Wine 15:15 - The Weakest Link 16:00 - Doctors 16:30 - EastEnders 17:00 - The Only Boy for Me 18:30 - Mastermind 19:00 - The Weakest Link 19:45 - Doctors 20:15 - The Whistleblowers 21:15 - Love Soup 21:45 - Friday Night with Jonathan Ross 22:35 - New Tricks 23:25 - The Whistleblowers.

**TCM**
**• melita 310**
**• GO Plus 701**

07:45 - Five Guns West. Film '55 (U) 09:20 - Bunny O'Hare. Film '71 (PG) 11:20 - Not as a Stranger. Film '55 14:00 - Saturday Night & Sunday Morning. Film '60 (PG) 16:00 - Invitation to a Gunfighter. Film '64 (U) 17:45 - Girl With Green Eyes. Film '64 19:35 - The Way West. Film '67 22:00 - Road House. Film '89 (15).

**MGM Movies**
**• melita 312**
**• GO Plus 702**

08:35 - Sleepover. Film 2004 (PG) 10:05 - The Alamo: 13 Days to Glory. Film '87 12:20 - Nothing Personal. Film '80 (15) 14:00 - The Legend of Johnny Lingo. Film 2003 15:30 - April Morning. Film '88 17:05 - I Love You... Don't Touch Me! Film '97 18:30 - Extremities. Film '86 (15) 20:00 - Our Winning Season. Film '78 (PG) 21:30 - Stigmata. Film '99 (15) 23:10 - L.A. Bounty. Film '89 (15).

**Living**
**• melita 315**
**• GO Plus 302**

06:30 - Teleshopping 08:00 - Charmed 10:00 - Nothing to Declare 11:00 - America's Next Top Model 12:00 - Maury 12:55 - Celebs 24/7 13:00 - 60 Minute Makeover 14:00 - Britain's Next Top Model 15:00 - Four Weddings 16:00 - Ghost Whisperer 17:00 - Charmed 19:00 - America's Next Top Model 20:00 - Ghost Whisperer 21:00 - Medium 22:00 - Criminal Minds 23:00 - CSI: Miami.

**Discovery Channel**
**• melita 400**
**• GO Plus 501**

06:50 - Dirty Jobs: Dirty Chip Maker 07:45 - Ultimate Survival: Urban Survivor 08:40 - Mythbusters: Prison Escape 09:35 - Brainiac 10:30 - How Stuff's Made 10:55 - How It's Made 11:25 - Extreme Engineering: Floating City 12:20 - Street Customs: Challenger Convertible 13:15 - American Chopper: Orange Rescue Bike 14:10 - Fifth Gear 14:35 - Dirty Jobs: Sheep Castrator 15:30 - Deadliest Catch: Racing the Clock 16:25 - Extreme Engineering: Hurricane-Proof Homes 17:20 - Ultimate Survival: Urban Survivor 18:15 - Mythbusters: Blind Driving 19:10 - How Stuff's Made 19:40 - How It's Made 20:05 - Prototype This: Traffic Busting Truck 21:00 - Mythbusters: Dive to Survive 21:55 - Wreckreation Nation: Lawn Mower Racing 22:50 - Destroyed in Seconds 23:45 - Street Customs: Escalade & Smart Car.

**Melita Movies**
**• melita 801**

11:10 - Nim's Island. Film 2008 (12) 12:50 - Poo's Heffalump Movie. Film 2005 (U) 14:05 - The Summit: Part 1 (16) 15:30 - The Summit: Part 2 (16) 17:02 - Hollywood Buzz 17:25 - Nick & Norah's Infinite Playlist. Film 2008 (16) 19:00 - Moon. Film 2009 (16) 20:34 - Hollywood Buzz 21:00 - Paul Blart: Mall Cop. Film 2009 22:35 - The Killing Room. Film 2009 (AO) 00:30 - Resident Evil: Degeneration. Film 2008 (16).

**Melita More**
**• melita 802**

07:15 - 3-2-1 Penguins 07:40 - He-Man 08:05 - She-Ra 08:30 - Transformers - Animated 08:55 - Transformers - Cybertron 09:20 - Action Zone 09:45 - Knight Rider 10:35 - The A-Team 11:25 - Friends 12:10 - Desperate Housewives 13:00 - Days of our Lives 13:45 - The Mentalist 14:30 - Terminator: The Sarah Connor Chronicles 15:15 - Gossip Girl 16:00 - Heroes - Redemption 16:45 - Terminator: The Sarah Connor Chronicles 17:30 - The Mentalist 18:15 - Days of our Lives 18:55 - Friends 19:45 - 24" 20:30 - Glee 21:15 - Gossip Girl 22:00 - 24" 22:45 - Lie To Me 23:30 - Glee 00:15 - Gossip Girl 01:05 - Hung 01:35 - True Blood.

**Biography Channel**
**• melita 411**

07:00 - Spencer Tracy 08:00 - Clark Gable. Medical Detectives: 09:00 - Driven To Silence 09:30 - Brotherly Love. Psychic Detectives: 10:00 - In the Cards 10:30 - A Psychic Roadmap. 11:00 - Hollywood Singing and Dancing 13:00 - Spencer Tracy 14:00 - Clark Gable. Medical Detectives: 15:00 - Driven To Silence 15:30 - Brotherly Love. Psychic Detectives: 16:00 - In the Cards 16:30 - A Psychic Roadmap. 17:00 - Hollywood Singing and Dancing 19:00 - Bio 20:00 - Goldie Hawn. Six Degrees of Tv: 21:00 - Beauty and the Beast 21:30 - Movers and Shakers. 22:00 - Making Over America with Trinny and Susannah. Pawn Stars: 23:00 - Rick's Big Bet 23:30 - Rope A Dope.

**Hallmark**
**• melita 313**

06:50 - Judging Amy 07:40 - Cento Vetrine 08:40 - Dallas 09:35 - Wind at My Back 11:24 - En Attendant Que La Pluie Cesse 11:35 - Judging Amy 12:25 - Cento Vetrine 13:25 - Rex: A Cop's Friend 14:20 - Dallas 15:15 - Rex: A Cop's Friend 17:05 - Ana y Manuel 17:15 - McLeod's Daughters 18:10 - Judging Amy 19:05 - Rex: A Cop's Friend 20:00 - Cento Vetrine 21:00 - The Children Nobody Wanted 22:40 - The World's Most Fabulous Object 22:55 - Agatha Christie's Marple.



| | |
|---|---|
| 07:00 | NET News |
| 09:30 | Teleshopping |
| 10:40 | Kontra l-Hin (r) |
| 11:30 | Teleshopping |
| 12:00 | Ohloq Tbissima |
| 13:00 | Simpatići |
| 13:45 | Teleshopping |
| 14:00 | NET News |
| 14:05 | Simpatići |
| 15:00 | NET News |
| 15:05 | Teleshopping |
| 16:20 | Kontra l-Hin (r) |
| 17:20 | Kompendju (r) |
| 18:00 | NET News |
| 18:10 | Kaxxa Jan |
| 19:45 | NET News |
| 20:30 | Flusek |
| 21:00 | Music Maniac |
| 21:30 | NET News |
| 21:35 | (kompli) Music Maniac |
| 21:50 | Ućuh (r) |
| 23:00 | NET News |

## Sport fuq il-Cable

**Eurosport**
**• melita 600**
**• GO Plus 801**

07:30 - Athletics: European Champ.: Day 4 (live) 13:30 - Athletics: European Champ.: Day 3 15:00 - Women's Football 16:20 - Eurogoals Flash 16:30 - Athletics: European Champ.: Day 3 18:15 - Athletics: European Champ.: Day 4 (live) 22:15 - Photo Finish 22:45 - UEFA U/19 Football.

**Go Sports 1**
**• GO Plus 851**

07:00 - Dextro Energy Triathlon London WCS Men's Race 09:30 - Extra 10:00 - F1 - Budapest GP. Prac. Sess. 1 (live) 11:45 - Football Friendly: Benfica v Monaco 13:45 - Extra 14:00 - F1 - Budapest GP. Prac. Sess. 2 (live) 15:45 - Extra 16:00 - PGA 3 Irish Open: Day 2 (live) 19:00 - Juventus Magazine Show 20:30 - ATP 250 Allianz Suisse Open: QF 01:30 - FIA GT SPA Belgium Qual. Race.

**Go Sports 2**
**• GO Plus 852**

07:30 - Roma Magazine Show 09:00 - PGA 3 Irish Open: Day 1 12:00 - F1 - Budapest GP. Prac. Sess. 1 13:45 - Diamond League Athletics 15:45 - TransWorld Sport 17:00 - ATP 250 Allianz Suisse Open: QF (live) 22:00 - F1 - Budapest GP. Prac. Sess. 2 23:45 - PGA 3 Irish Open: Day 2.

**Melita Sports 1**
**• melita 701**

